KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

NEWSPAPER POST

# L-ANZJANI LLUM

Nru. 99 | Lulju - Settembru 2020



## Covid 19

**Anna Debattista**
**19-04-20**

Id-dinja kollha waqfet
U n-nies ġo darha nqaflet.
Biża', dieq, monotonija
U t-triqat min-nies minsija.
Nies ħosbiena u beżagħnin
Qisna qatta mitlufin!

Sptarijiet b'mard mimlijin
Tobba u nurses għejjenin.
Kelli nisma' l-omelija
Bit-TV. Ta' min hi l-ħtija?
Tgħid ta' dawk il-pippistrelli
U l-menù Ċiniż, marelli?

## Kompetizzjoni bi premju għal disinn għal faċċata ġdida għal dan il-fuljett, 'L-Anzjani Llum'

Nixtiequ nibdlu l-faċċata ta' dan il-fuljett tagħkom, 'L-Anzjani Llum', u nagħmlu xi ħaġa aktar friska u aktar moderna. Għal dan il-għan, qed nistiednu lil dawk kollha interessati biex, **sat-30 ta' Ġunju 2020**, jissottomettu disinn addattat għall-faċċata ta' dan il-fuljett.

Il-qies tad-disinn irid ikun ta' folja A4 (21cm x 29.7cm) *portrait* u jrid jinkorpora fih:
l-isem: L-ANZJANI LLUM;
il-logo flimkien mal-kliem: Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani;
il-kliem: Newspaper Post;
in-Numru tal-ħarġa; u,
ix-xhur bħal, pereżempju, April - Ġunju 2020.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani lest li jħallas rigal ta' €**100** (mitt ewro) lil min jissottometti disinn li jogħġob lill-Bord Editorjali u jkun addottat bħala l-faċċata l-ġdida ta' dan il-fuljett.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jirriżerva d-dritt li jvarja jew ibiddel id-disinn kif jidhirlu li hu xieraq.

Ebda membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani ma jista' jieħu sehem f'din il-kompetizzjoni.

Sottomissjonijiet għandhom jintbagħtu lill:

**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mauro Inguanez**
**Birkirkara BKR 4811**

jew permezz ta' email lil: **kna@onvol.net**

# Nazju Abela f'Intervista ma' Eddie Attard



**Għidilna xi ħaġa fil-qosor dwar it-tfulija tiegħek, fejn ħadt l-edukazzjoni, Iż-żogħżija tiegħek, il-familja eċċ, sakemm dħalt fid-dinja tax-xogħol.**

Twelidt Tas-Sliema, ftit metri bogħod mill-iskola tal-gvern. Kont l-iżgħar fost għaxar aħwa u l-ewwel skola li attendejt kienet tas-Sorijiet Franġiskani u, wara, mort l-iskola primarja tal-gvern. Fl-1959, dħalt il-Liceo u l-ewwel sentejn għamilthom fil-Liceo ta' Triq Merkanti, il-Belt, ħdejn il-Knisja tal-Ġiżwiti. It-tliet snin ta' wara, għamilthom fil-Liceo tal-Ħamrun fiż-żmien li s-Sur Glass kien il-Kap tal-Iskola u, bħala Assistanti Kapijiet kien hemm is-Sur Grima u s-Sur Bisazza. Spiċċajt mill-Liceo fl-1964 wara li għaddejt minn seba' suġġetti tal-GCE 'O' level. Dak iż-żmien, kelli sittax-il sena u, peress li diġà kelli l-ħajra li nsir pulizija, kelli nistenna sakemm ikolli tmintax-il sena biex inkun nista' napplika. Kien f'dan iż-żmien li bdejt nixtri l-magazin *True Detective* u kien hawn li nibtet il-ħajra li naqra ħafna dwar il-kriminalità.

**X'kien l-impjieg tieghek u x'esperjenzi u responsabbiltajiet oħrajn kellek, anki wara li rtirajt?**

Kif għalaqt tmintax-il sena, mort il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija biex napplika. Dak iż-żmien, kien meħtieġ it-tul ta' ħames piedi u disa' pulzieri li jiena kelli bi ftit aktar ukoll. Madankollu, kelli nistenna sakemm isir eżami ieħor li kien ta' livel ta' skola primarja. Kien hemm ukoll eżami mediku u kien meħtieġ li jkollok vista tajba mingħajr nuċċali. Fi Frar tal-1966, ingaġġajt fil-Korp. Kien wieħed mill-isbaħ jiem ta' ħajti. Wara kors ta' taħriġ u ftit xhur f'distrett, kont trasferit fl-Uffiċju taċ-Ċitazzjoniet. Sitt xhur wara, bdejt naħdem f'dak li kien magħruf bħala l-*Personnel Section*, illum magħruf bħala l-Human Resources, fejn għamilt għaxar snin. Imbagħad, fl-1977, l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija bdiet tippubblika l-magazin tagħha, li kien joħroġ kull xahar, u jien kont inkarigat biex insib il-materjal għal dan il-magazin. Fl-istess żmien, l-Assoċjazzjoni daħlet ukoll għall-pubblikazzjoni tal-Kodiċi Kriminali, biċċa xogħol impenjattiva ħafna li dħalt għaliha jien.

Meta kont inkarigat mill-magazin tal-pulizija, bdejt ir-riċerka dwar il-Korp. Sfortunatament, il-Pulizija qatt ma kellha arkivju u għadha hekk sal-lum. Għaldaqstant, kien aktar diffiċli għalija biex infittex u bdejt bir-ritratti antiki ta' dak kollu li kellu x'jaqsam mal-Korp. Komplejt bir-riċerka fil-Biblijoteka Nazzjonali u fl-Arkivju tal-Palazz li llum qiegħed Santu Spirtu, ir-Rabat. Sadattant, ġejt inkarigat mil-librerija li kien hemm il-ħsieb li ssir fil-Kwartieri Ġenerali imma, għalkemm kien ingħata bidu għaliha, baqgħet ma saritx. Tajt bidu wkoll biex niġbor mill-għasses ta' Malta u Għawdex dak li kien tajjeb biex ikun esebit f'mużew tal-pulizija. Dan il-proġett kien issemma fl-1971, imma sar realtà fl-1994. Sadattant, fl-1983, tlabt biex, fis-sena ta' wara, jiġi mfakkar il-170 Anniversarju tal-Korp tal-Pulizija, avveniment li qatt ma kien sar qabel. Is-suġġeriment tiegħi kien aċċettat u ġiet aċċettata wkoll talba oħra tiegħi li, għal din l-okkażjoni, jinħareġ sett ta' bolli kommomerattiv. B'hekk, fit-12 ta' Lulju 1984, għall-ewwel darba, kien iċċellebrat Jum il-Pulizija. Sakemm domt fil-Korp, kont responsabbli minn tmien pubblikazzjonijiet, ħafna minnhom legali.



**L-isem Eddie Attard f'Malta huwa ċertament sinonimu mal-istorja tal-Pulizija u dik tal-kriminalità f'Malta. Għidilna kif bdiet din il-karriera, kif żviluppat, kemm kotba ħriġt s'issa u jekk għandekx xi oħrajn imħejjijin.**

Wara li tlaqt mill-Pulizija, komplejt bir-riċerka u, fl-1994, ippubblikajt l-ewwel ktieb dwar il-Korp tal-Pulizija. Warajh, ippubblikajt żewġ kotba oħra dwar il-Pulizija, wieħed minnhom bl-Ingliż. Imbagħad, ippubblikajt listorja tal-ħabsijiet f'Malta u b'kollox, mill-1994 'l hawn, ippubblikajt erba' u tletin ktieb. L-aktar ktieb li domt naħdem fuqu kien Delitti f'Malta li ħareġ fis-sena 2001.

**Illum li inti anzjan, kulħadd jaf li għadek attiv fil-qasam tal-kitba tal-kriminalità. Imma, għandek xi delizzji oħrajn? X'pariri tagħti lil sħabna l-anzjani?**

Ippubblikajt ukoll erba' u għoxrin magazin bl-isem Delitti u Misteri. Il-materjal f'dan il-magazin kont niktbu kollu jien u kont niddisinjah bir-ritratti. Barra minn dan, għandi sensiela ta' aktar minn sebgħin artiklu fis-Sunday Times. Ktibt ukoll artikli fil-ġurnali lokali u pprovdejt materjal u ħadt sehem fil-programmi Delitti f'Malta. Fix-xhur li ġejjin, se joħroġ ktieb ieħor, jismu Kronaka ta' Ġrajjiet Kriminali, u għandi tliet kotba oħrajn miktubin. Bħala delizzji, għandi l-qari, il-mixi, it-tisjir u, għalkemm mhux passatemp, inħobb is-safar ukoll. Il-parir tiegħi lill-anzjani hu li jaqraw, li jkollhom computer id-dar u li kuljum jitgħallmu xi ħaġa ġdida.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Anthony Mulè Stagno,
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony Mulè Stagno

**Viċi President:**
Peter Paul Bonnici

**Segretarju:**
Anthony Deguara

**Ass. Segretarja:**
Doris Aquilina

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Membri:**
Mary Farrugia
Alfred Mallia
Joseph Micallef
Frank Mumford
Pauline Zammit
Lino Debono (Co-Opted)

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## EDITORJAL



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Illum nixtieq nintroduċikom ma' wieħed mill-awturi favoriti tiegħi, Oscar Wilde. Oscar Wilde kien kittieb u poeta Irlandiż li twieled f'Dublin fl-1854 u miet f'Pariġi fl-1900 meta kien għad kellu biss sitta u erbgħin sena. Imma, minkejja din il-ħajja pjuttost qasira, Wilde xorta ħalla l-marka tiegħu fl-istorja tal-letteratura Ingliża u għadu magħruf sew sal-lum; mija u għoxrin sena wara mewtu.

Mill-ħafna xogħlijiet letterarji tiegħu nsemmi biss dawk li l-aktar baqgħu famużi. Kiteb għadd ta' *plays* għall-palk li, minkejja ż-żmien li għadda minn fuqhom, baqgħu friski u għadhom jittellgħu fuq il-palk sal-ġurnata mqaddsa tal-lum. Fost dawk li l-iktar baqgħu popolari, insibu: *Lady Windermere's Fan, A Woman of No Importance, An Ideal Husband, Salomè* u, l-iktar waħda li għamlitlu suċċess, *The Importance of Being Earnest.*

Kiteb ukoll *The Picture of Dorian Gray* li, fl-era Vittorjana, ġablu ħafna kritika għax kien ittimbrat bħala indiċenti imma, illum, din l-istorja fittizja hija meqjusa bħala waħda mill-klassiċi. Id-dinja ta' żmien Oscar Wilde ma kinitx tolleranti daqs dik tal-lum u, fl-1895, huwa weħel sentejn ħabs; ejja ngħidu, għax kien *gay*. Bħala riżultat ta' dik l-esperjenza qarsa, Oscar Wilde kiteb il-famuża *De Profundis* kif ukoll *The Ballad of Reading Goal.*

Kiteb ukoll għadd ta' stejjer għat-tfal u anki numru ta' poeżiji. Imma, forsi, dak li l-aktar baqa' msemmi għalih Oscar Wilde huma l-battuti ċiniċi, ironiċi, satiriċi, umoristiċi u pronti tiegħu. Battuta famuza minn tiegħu kienet din: "Dejjem aħfer lill-għedewwa tiegħek; xejn ma jdejjaqhom iktar minn hekk!" Veru li kien xi ftit minfuħ bih innifsu imma kien tajjeb ukoll, u kien jaf li hu tajjeb. Darba, hu u ġej lura l-Ingilterra minn Franza, lill-uffiċjal tad-dwana qallu: "Jien m'għandi xejn x'niddikjara ħlief il-ġenju tiegħi!" Darb'oħra qal: "Jien, tant jien intelliġenti li, kultant, lanqas nifhem dak li nkun qed ngħid jien stess!" Kien anki viżjonarju. Li tgħix, kien iħobb jgħid, hija l-aktar ħaġa rari fost il-bnedmin; ħafna nies jeżistu biss! Jew, meta qal li aħna l-bnedmin kollha ngħixu fil-gandott (*in the gutter*) imma xi wħud minnha jħarsu 'l fuq, lejn l-istilel.

Xi wħud mill-battuti tiegħu, għal-ewwel, inisslulek tbissima imma, wara, iġegħluk taħseb ukoll. Nieħdu ftit eżempji. Darba widdeb li naqra sinċerità hija perikoluża; ħafna tista' tkun fatali! Jew, koppja jistgħu jgħixu kuntenti flimkien, basta ma jsirux jinħabbu! Jew, l-Amerka huwa l-uniku pajjiż fid-dinja li mexa mill-barbariżmu għad-dekadenza mingħajr ma għadda minn perijodu ta' ċiviliżazzjoni bejniethom!

Għalkemm Oscar Wilde kien iħobb jgħid li ċ-ċiniku huwa dak li jaf il-prezz ta' kollox u l-valur ta' xejn, huwa stess tgħidx kemm kien jaf ikun ċiniku. Ma kienx jiddejjaq jinbex lil kulħadd; inkluż lill-*establishment*. Darba stqarr li ħaġa mhix neċessarjament hija vera sempliċiment għax xi ħadd ikun lest li jmut għaliha. Il-moralità, kien jgħid, hija l-attitudni li naddottaw għan-nies li m'għandniex grazzja magħhom! Darba qal, "Ma rridx immur il-Ġenna; ħadd minn ħbiebi mhuma se jkunu hemm!" Jew, "Kull qaddis għandu passat u kull midneb għandu futur!" jew "Lili dejjem tibqgħu tħobbuni għax jien nissimbolizza d-dnubiet kollha li intom qatt ma kellkom il-kuraġġ li tagħmlu!" Darba, lil wieħed li kien tilef 'l ommu u 'l missieru, qallu, "Li titlef ġenitur wieħed, tista' titqies bħala sfortuna imma, li titlifhom it-tnejn, hija traskuraġni!

Nistħajjel tistaqsu għaliex fettilli ndewwaqkom ftit mill-għerf ta' dan l-awtur brillanti llum? Iva; għax, kif kien iħobb jgħid Oscar Wilde stess, il-ħajja hija importanti wisq biex toħodha bis-serjetà! Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Adoloxxenti Tgħallimna Ngħixu

**Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap.**



Fid-disgħin anniversarju mit-twelid tagħha, li seħħ fit-12 ta' Ġunju 1929 fil-belt Ġermaniża ta' Frankfurt am Main, ma nistax ma niġrix bi ħsibijieti lejha; lejn dak li kitbet hi, b'tant imħabba u passjoni lejn il-ħajja, li tant kienet tħobb! Lejn dak li kienet tirrappreżenta! Lejn dak li dejjem ħolmot li twettaq! Lejn dak li tassew kienet! Qiegħed nirreferi għat-tfalja ta' 15-il sena, Lhudija-Ġermaniża, Anne Frank.

Min ma semax b'Anne Frank? Mingħajr dubju, Anne tibqa' mfakkra għad-djarju mill-isbaħ tagħha li kitbet fi żminijiet tassew orribbli. Fejn, għax tkun sempliċiment Lhudi jew Lhudija, allura dan il-fatt ma jibqax jikkwalifikak aktar bħala bniedem. Mhux biss, imma wkoll jiftaħlek it-triq għal kull xorta ta' maltrattament, kefrija u, saħansitra, il-mewt. Fil-fatt, anki Anne nnifisha kellha tbati dan kollu. Dan għax, fi Frar tal-1945, hi u oħtha Margot, mietu t-tnejn minħabba t-tifu li kienu dabbru waqt li kienu priġunieri fil-kamp tal-konċentrament ta' Bergen-Belsen.

Id-djarju ta' Anne Frank huwa mimli b'tagħlimiet dwar il-ħajja. U aħna, li l-Mulej tana l-grazzja li naslu sa din l-età sabiħa, żgur li, jekk naqraw id-djarju tagħha, niddakkru mhux ftit mil-lenti tant sabiħa li tagħti hi dwar il-ħajja. Ejjew induqu ftit mill-għerf kbir tal-Mulej li ħallitilna miktub din it-tfajla ġganta quddiem il-Mulej!

Ta' tlettax-il sena, Anne tikteb hekk nhar it-28 ta' Settembru 1942: *Tgħallimt ħaġa waħda: tkun taf persuna wara ġlieda. Huwa f'dak il-waqt li tkun taf il-karattru tagħha!* Kos hux! Kemm hu veru dan li kitbet Anne Frank! Wara li jkollna xi ngħidu, x'nagħmlu? Insiru aktar ħbieb jew inkella nispiċċaw aktar għedewwa ta' xulxin? Aktar ma nħallu fina titnawwar id-dnewwa, aktar insiru għedewwa ta' xulxin?

Imbagħad, ta' erbatax-il sena, Anne tgħaddilna dan il-messaġġ, sewwasew nhar is-6 ta' Jannar tal-1944: *Ommi qalet li hi tarana aktar bħala ħbieb milli bħala wlied. M'għandniex xi ngħidu, dan sabiħ ħafna ħlief li ħabiba qatt ma tista' tieħu post tal-omm. Jien irrid lil ommi biex tagħtini eżempju tajjeb u tkun persuna li jiena nista' nirrispetta. Imma, f'ħafna affarijiet, hija eżempju ta' dak li ma nistax nagħmel.* Jien, lil uliedi li għandhom l-ulied, xi nħeġġiġhom ikunu, ommijiet u missirijiet għalihom jew inkella li jkunu l-ħbieb tagħhom? Ma nifhimx li, jekk ninżel għall-livell tagħhom bħala ħabib jew ħabiba u nitlef l-identità tiegħi ta' ġenitur, se niżbilanċja l-invell? Jekk jien omm u missier, kif qatt nista' nkun mudell għal uliedi meta nsir ħabib tagħhom? Kif nista' nkun mudell għalihom għall-ħwejjeġ li qatt ma jistgħu jagħmlu?

Tal-istess età, Anne tagħtina tagħlima mill-isbaħ dwar min huma l-vera ħbieb. Tiktbilna hekk nhar is-7 ta' Marzu 1944: *Irrid ħbieb u mhux ammiraturi. Persuni li jirrispettawni għall-karattru u l-għemejjel tiegħi u mhux għat-tbissima kumplimentuża tiegħi. Naf li ċ-ċirku madwari se jkun ħafna iżgħar. Imma, b'daqshekk, x'jimporta jekk dawn dejjem ikunu sinċieri?* X'hemm isbaħ mis-sinċerità? Mhux din hi li tagħmel il-ħbiberija vera?

F'din l-istess sena, Anne tissokta tkellimna dwar xi tfisser tkun qawwi jew, kif ngħiduha bl-Ingliż, *strong*. Hekk tiktbilna nhar is-6 ta' Lulju tal-1944: *Li tkun onest, ma nistax nimmaġina kif kulħadd jgħid: 'jien dgħajjef' u jibqa' hekk. Jekk int taf dan kollu dwarek innifsek, għaliex ma tiġġilidlux? Għaliex ma tiżviluppax il-karattru tiegħek?* Hawnhekk, Anne qed tfakkarna fir-responsabbiltà li lkoll għandna lejna nnifisna. Ma nistax nibqa' kif jien u, bl-iskuża li jien dgħajjef, nibqa' ma nikbirx! Għax nibqa' mwaħħal fejn jien! Kemm qed nieħu l-ħajja tiegħi bis-serjetà? Kemm qed inħalli lill-Mulej jgħinni nibdel l-imġiba tiegħi, mhux biss għat-tajjeb imma għall-qaddis? Kemm qed inħalli lill-Mulej jifforma fija l-karattru tiegħu?

Dawn il-ħsibijiet ta' Anne ifakkruna fl-aħħar xewqa tagħha: dik li ma tgħix għalxejn. F'kelma waħda, dik li tkun strument biex ħaddieħor ikun ferħan. Kien għalhekk li, fil-5 t'April tal-1944, Anne kitbet hekk: *Ma rridx ngħix għalxejn, bħal ħafna nies. Irrid inkun utli jew li nġib il-ferħ lin-nies kollha, anki lil dawk li qatt ma ltqajt magħhom. Irrid nibqa' ngħix, anki wara mewti!* U jien, kemm jien lest inġib il-ferħ lil ħafna nies? Anki lil dawk li, s'issa, qatt għadni ma ltqajt magħhom? Kemm jien lest inferraħhom?

L-għerf tal-ħajja li fih id-djarju ta' Anne Frank għamlu wieħed mill-aktar kotba mfittxija f'kull żmien. Biss biss, inqaleb għal aktar minn sebgħin ilsien differenti! U dan kollu għax din it-tfalja għexet sal-anqas naqra. Quddiem it-terrur kontinwu tal-mewt u l-qerda, mhux talli ma tmewtitx talli tat l-aħjar li kellha! Bħal dik l-armla tal-vanġelu, Anne, għall-Mulej fl-oħrajn. Mela bix-xieraq li għandha tibqa' mfakkra għal dejjem! U jien, x'ser nagħmel quddiem l-eżempju ta' Anne Frank?

Kemm hu veru, hux tassew, li adoloxxenti tgħallimna ngħixu!



# Santa Briġida tal-Isvezja

**Kitba ta' Fr Charles Buttigieg**

Santa Briġida tal-Iżvezja hija waħda mill-Qaddisin Patruni tal-Ewropa flimkien ma' San Benedittu, San Ċirillu, San Metodju, Santa Edith Stein u Santa Katerina ta' Siena. It-tifla tagħha hija wkoll qaddisa, Santa Katerina tal-Izvezja. Qaddisin oħrajn mill-Izvezja huma San Eric, Enriku, Ansgarju, Siegfried, Eschil, Botvid u Olaf. Il-festa ta' Santa Briġida tiġi ċċelebrata fit-23 ta' Lulju.

Santa Briġida hija qaddisa kbira, mistika Żvediża, qaddisa omm u reliġjuża bħalma kienet Santa Rita. Hija qaddisa li tkompli tgħallimna, speċjalment fiż-żminijiet u fid-dinja tal-lum. Hija għalliema tal-familja, tal-Kotba Mqaddsa u tal-ħajja mistika u kontemplattiva. It-tmienja u għoxrin sena taż-żwieġ tagħħa mal-gvernatur u l-prinċep Ulf, li miet fis-sena 1344, kienu tassew xhieda ta' knisja domestika, knisja umli, knisja li taqdi u tagħmel il-karità mal-foqra. Bħala familja, kienu għamlu l-esperjenza tal-pellegrinaġġ ta' talb lejn *Santiago de Compostela* fi Spanja.

Fl-udjenza ġenerali li saret fi Pjazza San Pietru nhar is-27 t'Ottubru tal-2010 dwar Santa Briġida, il-Papa Benedittu XVI ħeġġeġ ħafna lill-famiji tad-dinja biex iħarsu lejn din il-qaddisa li hija xempju kbir tal-qdusija tal-familja. Wara li sfat armla, Santa Briġida reġgħet iżżewġet, din id-darba lil Kristu, f'għaqda sħiħa miegħu fit-talb, fl-umiltà u fil-penitenza. Hawnhekk, Santa Briġida kien fadlilha tmienja u għoxrin sena oħra ta' żwieġ ma' Kristu li kienu mimlijin b'diversi rivelazzjonijiet li kellha u li kienu ispirati, speċjalment, minn Kristu fuq is-Salib. Anki l-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni kien tkellem dwar ir-rivelazzjonijiet tagħħa fl-Ittra *Spes Aedificandi*.

Fl-1371, Santa Briġida kellha l-okkażjoni żżur l-Art Imqaddsa biex tara b'għajnejha u tmiss b'idejha l-postijiet sagri marbutin mal-ħajja ta' Kristu. Fis-sena 1375, wara l-mewt ta' Santa Briġida, kien sar miraklu bl-intercessjoni tagħħa meta, tarbija li kienet twieldet mejta lil ċerta Margerita minn Ekno, reġgħet ħadet il-ħajja.

Żgur li l-esperjenzi li kellha din il-qaddisa jgħinuna nkomplu nikkontemplaw il-misteru kbir tal-imħabba t'Alla li laħqet il-qofol tagħħa fuq is-salib. Kif insibu fil-Galatin, "Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu li bih id-dinja hija msallba għalija u jien għad-dinja!"

## Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun informattiva u/jew ta' interess ġenerali u jixtieqna nippubblikawielu f'dan il-magazine.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-*magazine* jkun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess għalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba tagħhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-*magazine*, nistednuhom jibagħtuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba tagħhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha. Jekk jogħġobkom ippruvaw żommu l-kitba qasira kemm jista' jkun.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna, sew fuq il-kontenut kif ukoll fuq dak li tixtiequ li taraw ġdid ġo fih.

Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibgħatilna *email* fuq: **kna@onvol.net**

Il-Bord Editorjali jirriserva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jeditja u jippubblika jew le kull kitba li tintbagħat.

# Titwiliet Għawdxin

## Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex

**Id-Dwejra**



L-aħħar darba, tajtkom ftit tagħrif dwar ir-raħal pittoresk Għawdxi ta' San Lawrenz. Illum, ser noħodkom fl-inħawi qrib tad-Dwejra. Infatti, il-bajja tad-Dwejra, tinsab fil-limiti ta' San Lawrenz. Din hija riserva naturali magħrufa sew għas-sbuħija tagħha, kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar, u għall-interess ġeoloġiku, anki jekk, ftit taż-żmien ilu, tlifna t-Tieqa! Fil-fatt, din kienet l-ewwel riserva kostali f'pajjiżna, proġett ta' xi għaxar snin ilu, b'enfasi fuq żvilupp sostenibbli u titjib ambjentali bis-saħħa ta' finanzi mill-Unjoni Ewropea. Iddeskrivewha bħala unika b'aspetti ekoloġiċi, ġeomorfoloġiċi, paleontoloġiċi u arkeoloġiċi! Jiġifieri li t-Tieqa ma kinitx l-unika attrazzjoni tal-inħawi. Hu x'inhu, għall-inqas, nistgħu ngħidu li hija l-unika ħsara ambjentali li ma saritx b'konsegwenza diretta tat-traskuraġni tagħna!

Tibqa' l-Qawra, l-għadira ċagħkija li, bl-Ingliż, hija reklamata bħala *Inland Sea*. Il-punt l-iktar baxx fi gżiritna huwa wkoll riżultat naturali ġeoloġiku magħqud mal-baħar miftuħ permezz ta' Għar iż-Żerqa; ovvjament, mill-kulur tal-madwar. Anki dal-vjaġġ bid-dgħajjes, forsi sa qrib il-Ġebla tal-Ġeneral, ikkummerċjalizzajnih! Normalment, il-barranin jirreferu għall-Ġebla tal-Ġeneral bħala l-*Fungus Rock*. Din il-blata għolja xi mitejn pied ma nistgħux nixxabbtu magħha anki għax il-Granmastru Pinto kien illixxalha l-ġnub tagħha u, għall-inqas, ma tlifnihiex ukoll.




Għerq is-Sultan (anki b'varjazzjonijiet fl-isem) hija xitla parassita li, bi żball, kienet ikkunsidrata bħala fungus u li l-Ordni ta' San Ġwann kienu attribwewlha kwalitajiet terapewtiċi qawwijin; forsi minħabba r-riħa karga, speċjali tagħha? Kienet tintuża fuq il-ġrieħi u bħala kura għad-disinterija. Ġieli tawha bħala rigal lil personaġġi distinti u Pinto poġġa gwardja permanenti biex żgur ħadd ma jfettillu jisraq xi biċċa, b'piena ta' tliet xhur fuq ix-xwieni!

Tgħix max-xitla fuq il-Ħaġra hemm gremxula, il-*Podarcis filfolensis generalensis*. Għall-kuntrarju ta' speċi oħrajn mifruxin fostna, għandha taħt ħamrani u l-ġnub fl-ikħal.

Bħala binja ta' ċertu interess storiku għandna t-Torri, magħruf, sempliċement, bħala t-Torri tad-Dwejra li, formalment igawdi l-ogħla livell ta' protezzjoni. Ix-xogħol fuqu ntemm f'nofs is-seklu sbatax, fi żmien il-Granmastru Lascaris, u għandna dokumentat li juri li l-ispejjeż tiegħu kienu jitħallsu bil-melħ prodott mis-salini tal-qrib. Fis-seklu tmintax, armawh bil-kanuni u, f'nofs is-seklu ta' wara, għamlu diversi snin fih il-membri tal-*Royal Malta Fencible Artillery*. Fl-aħħar seklu, minn żmien għal żmien, servew fih il-*King's Own Malta Regiment* u r-*Royal Malta Artillery* u l-kanuni żdiedu u tjiebu. Waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, serva ta' *Observation Post* u, bis-saħħa t'hekk, kien salvat mill-għarqa l-bdot ta' *Spitfire*. Wara perijodu pjuttost traskurat, dan it-torri nkera lill-privat u ntuża għall-films, fosthom *Treasure in Malta* fl-1963. Oriġinarjament, dan ix-xogħol intwera f'sitt episodji fuq it-TV Ingliż (wieħed minnhom *Escape to Gozo*) u, wara, ħareġ fit-teatri b'suċċess u b'reklam tajjeb għal pajjiżna! Imbagħad, dan it-torri ħaditu f'idejha Din l-Art Ħelwa li, bħal f'tant postijiet oħra, għamlet sforzi ta' restawr biex aħna nkunu nistgħu inkomplu napprezzawh u ngawduh.

Ngħidu xi ħaġa issa dwar il-kappella tad-Dwejra li hija dedikata lil Sant' Anna, omm Marija Santissima u, għalhekk, in-nanna ta' Ġesù. Għalkemm tidher insinjifikanti, ġie li ssejħet l-ewwel bini ekkleżjastiku f'Għawdex fuq stil modern; sempliċi fil-funzjonalità u, kważi, b'ebda element ta' dekorazzjoni fl-arkitettura. Imma l-modern jiltaqa' mal-qadim għax intużat qanpiena mill-knisja li kien hemm qabel ir-raħal sar parroċċa. Id-disinn sar mill-perit Joe Mizzi waqt li l-benefattur ewlieni kien is-Sależjan Dun Alwiġ Mizzi. Infatti, fil-festa tat-tberik tal-1963, ipparteċipaw l-i*Scouts* tal-Oratorju Don Bosco tar-Rabat. L-Isqof Ġużeppi Pace, li berikha, ippermetta l-ikel tal-laħam avolja ħabat kien il-Ġimgħa! Ninnota li, fi żminijiet iktar reċenti, l-inħawi servew għall-*camping* u anki għal gruppi oħra fil-moviment tal-i*scouts*. Bis-servizzi li toffri, din il-knisja żgħira tant saret popolari għal kull min iżur il-bajja, mhux biss għall-festa titulari imma anki għaċ-ċelebrazzjoni ġdida għan-nanniet, li kellha tiżdied sagristija mdaqqsa li toffri kenn u post tal-mistrieħ għar-rettur u, saħansitra, anki spazju għal nofstanhari ta' talb.



Anki minħabba l-effetti tal-baħar fil-qrib, restawr u interventi oħra kienu meħtieġa diversi drabi. Saħansitra, l-istawa titulari sofriet xi ħsarat. Ħsarat kienu wasslu wkoll għal bidla tal-pittura. L-ewwel waħda, minn Carmelo Fenech SDB, sofriet wisq mill-melħ tar-raxx tal-baħar u kellha tinbidel fl-1989 meta Ninu Apap għamel kopja minn xogħol

magħruf tal-Ispanjol barokk, Murillo. Reċentement, Dun Roberto Gauci tqabbad mill-kappillan biex jagħmel it-tielet kwadru titulari fuq stil ta' ikona Biżantina li juri lil Sant' Anna u lil San Ġwakkin bħala mudell ta' familja li tgħix il-fidi u tfittex ir-rieda ta' Alla.

---

# Frenċ tal-Għarb u Karmnu l-Boqba

**Kitba ta' Peter Paul Ciantar**

Niftakru sewwa, ġej mill-Amerka, raġel xwejjaħ magħruf bħala Karmnu l-Boqba biex joqgħod u jgħix għand iz-zija tiegħi Ġużeppa u ma' ħuha Żaren fid-dar tagħhom fi Triq il-Kbira, Ħaż Żebbuġ. Il-ftehim jidher li kien li dan Karmnu l-Boqba jħalli kollox lilha u jagħtiha wkoll il-pensjoni bil-patt u l-kundizzjoni li tieħu ħsiebu. Issa dan Karmnu l-Boqba, li kien ġuvni xalatur, sirt naf li kważi ma kellu xejn imfaddal għalkemm kien qatta' xi ħamsin sena l-Amerka.

Iz-zija li, proprjament, kienet iz-zija ta' missieri, kienet xbejba tal-Mużew fejn kważi baqgħet sal-aħħar; inħallet biss minn din is-soċjetà tad-dutrina meta ġie f'ħoġorha dan l-intrigu tal-kuġin tagħha Karmnu l-Boqba li qalet li se tagħmlu b'missjoni u b'karità u biex issalvalu ruħu!



Għall-bidu, kien jidher li kollox sew imma Karmnu, li kien ġie Malta għax kien għadda minn attakk qawwi ta' puplesija u, għaldaqstant, nofs ġismu kien ipparalizzat, biż-żmien beda jsir esiġenti ħafna. Ried konsulti mediċi minn xahar għall-ieħor, ried ikel tajjeb u sustanzjuż li jaqbel mad-dieta tiegħu, kolazzjoni bl-aħjar *flakes* eċċetra. Fis-sajf, ried villeġġjatura, jew Baħar iċ-Ċagħaq jew San Pawl il-Baħar. Insomma, ried li, jekk jista' jkun, ma jkun jonqsu xejn u z-zija Ġuż kienet tagħmel mill-aħjar li tista' biex tikkuntentah.

Bħala karattru, Karmnu l-Boqba ma kontx taf fejn inti miegħu; filli tajjeb u filli jitlef il-boxxla u, għaldaqstant, ma jibqa' jirraġuna xejn sewwa. Mhux hekk biss, meta kien jitlagħlu, xi waħda ċara daqs il-kristall kien ifajjarha wkoll! Iz-zija Ġużeppa tgħidx kemm-il talba kienet tgħid biex tpatti għal dnubietu; saħansitra kienet issostni li Karmnu ġie mimli xjaten mill-Amerka. Kienet tieħdu b'kalma kbira daqslikieku kien tarbija biex forsi kienet tressqu jgħid magħha r-Rużarju mar-*Rediffusion*.

Karmnu kien jagħmel minn kollox biex forsi jerġa' jara lilu nnifsu xi ftit aħjar tant li ma qalx le meta z-zija Ġużeppa qaltlu, "Karmnu, immorru għand Frenċ tal-Għarb u tgħidx kemm ifejqek!" Jidher li l-Boqba ma qalx le għax niftakar sewwa li, fil-fatt, kienu marru. Krew karozza u, kmieni filgħodu, irħewlha lejn il-Marfa biex jaqbdu l-vapur għall-Imġarr, Għawdex u, wara, jitilgħu l-Għarb għand Frenċ li kien jilqa' n-nies bil-kju fir-razzett tiegħu.

Dan Frenċ kien għażeb u kien bniedem tar-ruħ. Kellu fama ta' qdusija u, f'ħajtu, kien imfittex għad-duwa li kien jagħti magħmula minnu stess mill-ħxejjex. Kien jagħmel dan biex ixerred id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu. Fil-fatt, kien hu wkoll li ta bidu għall-*Via Sagra* li llum iżżejjen l-Għolja tal-Għammar, quddiem is-Santwarju.

Biex naqta' fil-qasir, Karmnu l-Boqba u z-zija Ġużeppa stennew fir-razzett ftit ħin mhux ħażin biex imisshom u, meta daħlu quddiemu, kienet qaltilna z-zija Ġużeppa, xħin rah ma' wiċċu, Frenċ tal-Għarb tgħidx kemm qallu li kien mimli xjaten. Karmnu baqa' ċċassat u mbellah! Iz-zija Ġużeppa qabżet u qalet lil Frenċ li issa Karmnu qed jinbidel u anke jgħid ir-Rużarju kuljum. Hawn donnu li Frenċ ikkalma u beda jisma' l-weġgħat ta' Karmnu l-Boqba. Talab fuqu u qallu biex jitlob, jgħid ir-Rużarju u tah xi ħaxixa bħala duwa. Insomma, dawn ġew lura Ħaż Żebbuġ u Karmnu jidher li biddel xi ftit ħajtu; għall-inqas għall-ewwel. Imma l-kura tal-ħaxixa ma swiet xejn.

Iz-zija Ġużeppa tgħidx kemm xandritu mar-raħal lil dan Frenċ tal-Għarb. Bdiet tgħid lil kulħadd li, xħin Frenċ ra lil Karmnu, mill-ewwel għarfu li kien mimli xjaten mill-Amerka. Saħansitra, xħin kien fil-bieb, Frenċ ried ikeċċihom. Imnalla li z-zija Ġużeppa marret għandu bil-baġġ tal-Mużew u mgeżwra fl-għonnella!

Issa, ħbieb tiegħi, jingħad li dan Frenċ tal-Għarb kien sema' l-leħen tal-Madonna għal sitt darbiet. Dan il-leħen kien iħeġġu biex ikollu devozzjoni lejn it-tbatijiet ta' Kristu fil-passjoni. Iżda Frenċ kien jaf il-bidu ta' kollox minn Karmni Grima; xebba ta' ħamsa u erbgħin sena mill-Għarb li, fl-għaxra ta' filgħodu ta' nhar it-22 ta' Ġunju, 1883, kienet ġejja mill-għalqa li kienet fil-limiti magħrufa bħala Tal-Ġordan u, kif waslet qrib il-Kappella Ta' Pinu, bħal semgħet leħen isejħilha: "Ejja! Ejja llum!" Karmni ma qalet lil ħadd dwar dak li kienet semgħet qrib Ta' Pinu. Kien biss wara xi sentejn li fetħet qalbha ma' dan Frenċ tal-Għarb.

Ftit ta' żmien wara, f'Ottubru tal-1886, ġara li omm Frenċ, Vinċenza Portelli, li kellha ħamsa u sebgħin sena, kienet marida serjament. Uliedha għamlu wegħda lill-Madonna Ta' Pinu għall-fejqan t'ommhom u, b'mod mirakoluż, din fieqet. Din il-ġrajja xegħlet lil Għawdex u lil Malta kollha. L-Isqof t'Għawdex ta' dak iż-żmien, Mons. Pietro Pace, għarbel sewwa taħt ġurament lil Karmni Grima u l-istess ġara lil Frenċ tal-Għarb. Hawn ukoll twieled is-Santwarju Ta' Pinu li nafu llum u li ħafna mill-kontribuzzjonijiet għalih ġew minn dawk li kienu jmorru għand Frenċ tal-Għarb biex jitolbu l-pariri tiegħu.

# Karattri u tifkiriet ta' Victor Rizzo minn Raħal Ġdid li joqgħod in-Naxxar

**Daħla**

Dawn il-ftit tifkiriet u ħsibijiet joħduni lura lejn tfuliti u kkommettejthom fuq il-karta biex nerġa' nagħti l-ħajja lil karattri li għexu tassew u li, ħafna minnhom, kont spiss narahom fi tfuliti. Ħafna minn dawn in-nies kienu jgħixu fis-snin sittin fi Triq Santa Monika u fl-inħawi tagħha, ir-Raħal Ġdid. B'li qed nikteb ma rrid inweġġa' lil ħadd. Irrid biss inbattal il-garigor ta' tifkiriet u ħsibijiet minn moħħi. Lil dawn in-nies nixtieq nerġa' nagħtihom il-ħajja. Irrid inwassalhom lilkom kif kont narahom, kif kont nosservahom, kif kont inħosshom jien meta kont żgħir. Irrid niftaħ tieqa żgħira u nistieden lill-qarrej biex, flimkien miegħi, jagħti titwila lejn il-mod kif kienet il-ħajja fis-sittinijiet; għall-inqas, kif kont naraha jien minn nuċċali ta' tifel ta' ftit snin.

Il-karattri msemmijin f'dawn ir-rakkonti m'għandhom l-ebda preferenza. Qegħdin jidhru biss hekk kif qed ingibhom quddiem għajnejja jterrqu fi Triq Santa Monika u fl-inħawi tal-madwar. Kull rakkont huwa minnu.

**Is-Sinjura Roż**



Proprjament, is-Sinjura Roż ma kinitx toqgħod fi Triq Santa Monika imma, meta nqalleb l-album tal-ewwel għaxar snin ta' ħajti, ir-ritratt tagħha xorta waħda niltaqa' miegħu spiss. Kienet toqgħod quddiem il-bieb tal-ġenb tal-knisja, fi Triq Ġużè D'Amato. Kienet mara xi ftit qasira u naqra ħoxna imma dejjem fuq tagħha u kieku llum insejħilha *entrepreneur* żgħira. B'mod regolari imma, speċjalment, fix-xhur tax-xitwa, is-Sinjura Roż kienet torganizza ħarġiet bil-*private*. Għal min ma jiftakarx, il-*private* kienet karozza tal-linja ta' lewn isfar ċar li ma kinitx tagħmel parti mill-karozzi tal-linja għas-servizz pubbliku imma kienet tintuża għal servizz privat. Kont tordna *private* jekk għandek bżonn iġġorr grupp kbir ta' nies għal xi ħarġa partikolari bħal, ngħidu aħna, meta l-kappillan kien jorganizza xi mawra lejn Għawdex li, fil-verità, kienet tfisser Ta' Pinu u x-Xlendi. Il-*private* kienet tista' tgħabbi sa sitta u tletin ruħ u ma setgħetx tgħabbi nies bilwieqfa għax inkella x-xufier seta' jaqla' ċitazzjoni.

Is-Sinjura Roż kienet tieħu ħsieb tiġbor in-nies biex il-Ħadd, wara l-ikel (dejjem fis-sagħtejn) jinġabru wara l-bieb tagħha fejn kien ikun hemm il-*private* tistenniehom għal ħarġa tagħhom. M'għandniex xi ngħidu, is-Sinjura Roż kienet tkun taf minn qabel min ikun ġej għax kien ikollha mniżżel fuq il-pitazz. Anki min ikun diġà ħallas ikollha. Il-ħlas kien tmintax irbiegħi. Ommi kienet klijenta regolari tas-Sinjura Roż għalkemm, nista' ngħid, ftit li xejn niftakar klijenti oħra minn Triq Santa Monika. U, lili, ommi dejjem kienet iġġorrni magħha. Għalija, il-mawriet kienu jkunu 'l bogħod ħafna u jien dejjem kont nimpressjona ruħi kif ix-xufier kien jirnexxilu jsib it-triq. Niftakar, konna mmorru San Martin, għall-fiera tad-dundjani; l-Imtaħleb, il-Kunċizzjoni u, insomma, postijiet oħra bħal dawn. Ommi kienet tlesti xi biċċtejn ħobż u *thermos* te għax, m'għandniex xi ngħidu, kulħadd kien jieħu ħsieb żaqqu. Kienet iġġib ukoll siġġu żgħir, għalija. Dan is-siġġu kien tal-injam u kien jingħalaq u kienet tpoġġih fil-passaġġ tal-karozza. B'hekk naħseb li ommi ma kienet tħallas xejn għalija għax ma kont nieħu post ħadd. Però, lili ta' spiss il-karozza kienet iddardarni. "Ma, qed niddardar!" Dak kien l-ewwel livell ta' alert! "Ma, ħa nirremetti!" kien il-livell li jmiss. Fil-pront, għajta waħda biex ix-xufier iwaqqaf u jien u ommi konna ninżlu mill-karozza u nimxu biċċa ħalli nkun nista' nieħu ftit tal-arja friska. Mhux l-ewwel darba li rremettejt ukoll u, imbagħad, nerġgħu nitilgħu fil-karozza ħalli nkomplu t-triq qisu ma ġara xejn. Imma, din id-darba, kont inpoġġi f'ħoġor ommi li kienet tiftaħli t-tieqa beraħ biex inkun nista' noħroġ wiċċi mit-tieqa biex inħoss dak ir-riħ kiesaħ jaħbat miegħi, aħna u mexjin. Sadattant, jien kont nitlob ħalli nfittxu naslu. Xi daqqiet, ma kien jiġrili xejn u kont tassew nieħu pjaċir u nħossni tajjeb. Imma, meta l-karozza kienet terġa' ddardarni, kont nintebaħ li kont għadni ma fiqtx minn din is-sitwazzjoni.

In-nies tal-*private* kienu jiġu minn bnadi oħra ta' Raħal Ġdid u, tista' tgħid, ftit kien ikun hemm li kont nafhom. Koppja xjuħ bla tfal li qatt ma fallew kienu Ġużeppi u Lela. Dawn kienu joqogħdu fit-triq ta' warajna, Triq San Ġużepp, u kellhom il-bitħa tagħhom tmiss ma' tagħna, fuq in-naħa ta' wara. Din il-bitħa ta' spiss rat il-ballun tagħna jispiċċa jaqa' ġo fiha kull darba li kien jaqbeż is-saqaf tal-gallinar. Imma Lela ma kinitx iddum biex terġa' twaddabulna lura. Ir-raġel tagħha, Ġużeppi, kien mastrudaxxa u darba tani karrettun żgħir tal-injam. Kien sabiħ u kont naf li kien uniku u li żgur ħadd ma kellu bħalu għax ma kienx xi gugarell li ssibu għand tal-ħanut. Fuq il-*private*, Ġużeppi u Lela dejjem kienu jpoġġu fl-istess post; dejjem fil-bank ta' quddiem, qishom ħaduh b'ċens perpetwu. Hekk kif il-private tkun ser titlaq, kienet titla' s-Sinjura Roż u tgħajjat: "Kulħadd hawn?" u tibda tgħodd l-irjus ħalli tara jekk kienx ġie kulħadd. Hawnhekk, ibqa' ċert li kont tisma' lil Ġużeppi jgħid: "Min mhux hawn, jitkellem!" U Lela kienet kull darba titbissem għal din iċ-ċajta ta' żewġha.

Tista' tgħid li ftit jew xejn kienu jiġu tfal fuq il-*private*. Illum nirrealizza li lanqas in-neputijiet tas-Sinjura Roż ma kienu jiġu magħha. Issa nifhem li, kieku kienu jiġu n-neputijiet tagħha, dan kien ifisser inqas postijiet għan-nies l-oħra

u, għalhekk, inqas dħul għas-Sinjura Roż ukoll. Imma ħaġa li tiskantani llum meta noqgħod naħseb hija kif missieri qatt ma ġie magħna, jew, jekk forsi ġieli ġie, ma niftakarx. Ommi dejjem kienet mara li tħobb il-kumpanija filwaqt li missieri kien dejjem iħobb id-dar. Kienu żminijiet oħra; żminijiet meta l-ftit divertiment possibbli kien ikun organizzat mir-raħal, mill-kappilan jew min xi ħadd bħas-Sinjura Roż għax ftit kienu dawk li kellhom il-mezz tat-trasport personali tagħhom dak iż-żmien. Kien għadu ma wasalx iż-żmien li nibdew noħorġu bil-*light car*!

---

# Mill-ktieb tat-tifkiriet 'Fjuri li ma Jinxfux'

**tal-Prof. Oliver Friggieri**




## Is-Swali tal-isptar huma kbar wisq

It-tieni ħarġa tiegħi 'il barra mid-dar għal ċertu żmien kienet differenti ħafna. Kien xi darba filgħaxija waqt li jien u ħija konna qegħdin nilagħbu fuq is-sodda bl-imħaded. Konna naqilgħu l-liżar u ndendlu tarf minnu ma' wieħed mill-ħitan tal-kamra, ma' xi granpun ta' inkwatru u nagħmlu bħal tinda u nedħew nidħlu u noħorġu minnha, qisna qegħdin niġġerrew f'xi spazju kbir. It-tfulija kellha din il-ħaġa sabiħa, li tkabbar, tistagħġeb, tissaħħar wara x-xejn. Kienet il-fażi tal-fantasija. Ommi kienet tirrabja xi ftit imma qatt ma ħadnieha bis-serjetà u konna nafu li qatt ma kienet si tirvinalna l-gost. Ħin bla waqt, il-liżar waqa' minn mal-ħajt u nħsadna. Missieri kien ħdejja u, f'daqqa waħda, induna li kont qiegħed nogħtor. "U le, m'għandi xejn," għedtlu.

"Ejja ftit 'l hawn," ordnali b'ton ta' kurżità mħassba, ton tipiku tiegħu. Qabadli sieqi x-xellugija u nnota li kelli bħal boċċa iebsa fuq in-naħa ta' wara ta' rkoppti. Messha u għafasha u jien għedtlu li kont qiegħed inweġġa'. Mill-ewwel beda jinkwieta. L-għada, ħadni għand it-tabib Cesareo li qallu li l-każ ma kienx ta' jdejh. Ħa wkoll il-parir ta' Dr. Lawrence Spiteri, kuġin tiegħu, li kien it-tabib ta' Dun Ġorġ Preca u kien tal-istess fehma.

"Kellem lill-Professur Craig," qallu t-tabib.

Spiċċajt malajr f'waħda mis-swali tal-Isptar San Luqa fejn qattajt għoxrin ġurnata. Operani l-Professur u neħħieli l-boċċa, kif kien isejħilha missieri. Ommi u missieri u ħija kienu jiġu jarawni kuljum. Missieri baqa' grat għal għomru lejn Craig u kien ifaħħru ma' kulħadd.

"Issa, għada, se niġu għalik u mmorru lura d-dar. Iss'għadda kollox," aċċertani missieri.

L-għada sibt dar imżejna bħalma kienet tkun imżejna għall-festa u għat-tberik biss. Ommi kixfet is-sufan u l-pultruni, dendlet il-purtieri u ħarġet xi settijiet li kienet iżżejjen l-għamara bihom. Mingħand il-ħanut Ta' Londra, quddiem l-Iljun, missieri xtara s-suflè tan-nofs lira li kien idewwaqulna biss nhar San Publju u f'xi okkażjonijiet oħra.

Mill-għeluq tad-dar qabel mort l-isptar, għaraft il-kobor ta' sala f''an Luqa u, issa, li rġajt lura d-dar, kollox deherli magħluq, dejjaq u żgħir. Forsi minn hemm tnisslet fija l-ossessjoni bid-daqs tal-post. Minn dakinhar, bdejt nifhem kemm kellna dar ċkejkna għal erba' min-nies u, iktar tard, għal sitta, meta twieldu Violet u Lydia. U ma kellniex waħda mill-iżgħar djar ħdejn id-djar ta' nies oħrajn. Dan hu l-miraklu ta' niesna tal-bieraħ.

Kull dar xi darba tiżżvojta

Maż-żmien, id-dar bdiet tiżżvojta u kelli nerġa' nibda naraha kbira, kbira, kif rajtha dejjem fi tfuliti u, l-iżjed, meta konna nilagħbu noli. L-ewwel ħriġt jien biex nibda l-istudji fis-Seminarju Maġġuri u, imbagħad, meta ħareġ ħija biex beda l-istudji li wassluh biex isir Ġiżwita u, b'hekk, ħalla d-dar darba għal dejjem. Imbagħad reġgħet imtliet ftit meta jien ħallejt il-kors u rġajt id-dar sakemm, ftit snin wara, irġajt ħriġt mid-dar biex iżżewwiġt. Mort noqgħod Birkirkara.

"Kemm mort toqgħod 'il bogħod, ibni!" kienet ittennili ommi.

"U le ma. Ma tafx li, fi ftit minuti, nasal hawn bil-karozza?"

"'Il bogħod, ibni; 'il bogħod!" Din id-distanza enormi li kienet tara bejn il-Furjana u Birkirkara, kienet tfakkarha f'oħti Olga, li mietet fit-twelid. Kont nintebaħ li kienet tkun waslet biex tibki.

"Min jaf fejn hi oħtok bħalissa..." kienet tirrepeti, ħafna snin wara.

"Mhux il-Ġenna, ma?"

"Iva, naf, imma nixtieq li għadha hawn, magħna."

"Imm'issa ara kemm għadda żmien..."

"Kieku llum għandha l-età tagħha u tfarfret." Kienet tgħidli li l-età tagħha skont meta kienet tqajjem l-argument. Kienet tifkira li ma marritilha qatt.

Meta żżewġu Violet u Lydia, il-vojt tad-dar kien jista' jinqara fuq wiċċha. Kienet taqbad id-diskors kull meta kont immur naraha.

"Mhux sikwit jiġu jarawk ħuti, ma?" sabbartha kemm-il darba.

"Dak kien żmien, ibni, meta kontu kollha madwari. Issa d-dar vojta!"

# L-istorja tal-Mediċina

## Kitba riċerkata ta' Vincent Piccinino



**Willam Harvey**

William Harvey twieled f'Folkestone, l-Ingilterra, fl-1 t'April 1578. Ħa l-edukazzjoni tiegħu f'Caius College, Cambridge mbagħad mar Padua jistudja l-mediċina taħt Fabricius, anatomista Taljan, u sar tabib f'April 1602. Lura l-Ingilterra, Harvey mar joqgħod Londra u, f'Ġunju 1607, sar *Fellow of the Royal College of Physicians*.

Fl-1616, beda kors ta' lectures fil-Kulleġġ Irjali tat-Tobba fejn tkellem għall-ewwel darba dwar iċ-ċaqliq tad-demm fil-ġisem u dwar il-movimenti tal-qalb. Fl-1628, Harvey ippubblika l-istudji tiegħu dwar iċ-ċirkolazzjoni tad-demm bl-isem ta' *Exercitato Anatomica de Motu Cordis et Sanguinis*.

Studju interessanti ieħor ta' William Harvey huwa r-rakkont tal-awtopsja li kien għamel bl-ordni tar-Re Karlu I, (dak li, fl-1649, qatgħulu rasu), fuq il-ġisem tal-famuż Thomas Parr li miet fl-1635 fl-età venera ta' 152 sena.

It-teorija tiegħu taċ-ċirkolazzjoni tad-demm ġiet aċċettata mill-ewwel mill-aktar nies prominenti fil-professjoni medika; kemm f'pajjiżu kif ukoll barra u Harvey sar magħruf u onorat mal-Ewropa kollha. Fl-1654, meta kellu 76 sena, Harvey kien magħżul bħala President tal-Kulleġġ tat-Tobba imma m'aċċettax din il-kariga minħabba l-età.

William Harvey miet fit-3 ta' Ġunju tal-1657 meta kellu 79 sena u kien midfun f'Hampstead, Essex. Imma, fl-1883, il-fdalijiet tiegħu tpoġġew fil-kappella tal-familja fil-knisja tal-post.



**Thomas Sydenham**

Thomas Sydenham, tabib Ingliż, twieled f'Wynford Eagle, Dorset fl-10 ta' Settembru 1624 u ggradwa bħala tabib fl-1676 f'Cambridge. Sydenham kien meqjus bħala l-Hippocrates Ingliż. Għamel studju elaborat tal-varjazzjonijiet fl-epidemiji u mard differenti ieħor skont l-istaġuni, is-snin u ż-żminijiet.

Barra minn hekk, Sydenham huwa meqjus ukoll bħala dak li waqqaf il-mediċina moderna. Huwa spjega bir-reqqa l-mard ta' żmienu, speċjalment il-malarja, il-pesta, il-ġidri, l-isteriżmu u l-gotta. Sydenham kien ukoll l-ewwel wieħed li għamel dijanjosi tal-iskarlattina kif ukoll dak li ta definizzjoni moderna lill-kolera.

Thomas Sydenham miet f'Londra fid-29 ta' Diċembru tal-1689 fl-età ta' ħamsa u sittin sena.





**Anthony van Leeuwenhoek**

Twieled ġewwa Delft, l-Olanda, fl-24 t'Ottubru 1632. Kien jaħdem f'uffiċju merkantili f'Amsterdam imma, bħala delizzju, beda jibni mikroskopji biex bihom joqgħod jgħarrex għal ħlejjaq żgħar bħal mikrobi u batterji.

Tant għamel studju bis-serjetà li, fl-1680, minkejja li ma kienx bniedem mediku, huwa kien maħtur *Fellow of the Royal Society*. Infatti, l-ewwel stampa ta' batterja nsibuha fi tpinġija li għamel Leeuwenhoek fl-1683.

Leeuwenhoek miet f'Delft stess fis-26 t'Awwissu tal-1723 ta' kważi wieħed u disgħin sena.



**Giovanni Battista Morgagni**

Giovanni Battista Morgagni twieled fl-1682 u kien professur tal-anatomija ġewwa Padua f'liema kariga dam sitta u ħamsin sena. Matul dan iż-żmien, Morgagni għamel għadd ta' awtopsji. Meta kellu disgħa u sebgħin sena, l-esperjenza vasta tiegħu dehret fil-pubblikazzjoni tax-xogħol tiegħu bl-isem *On the Seats and Causes of Disease*. Fl-istudju tal-mard, Morgagni introduċa l-kunċett anatomiku li huwa l-element ewlieni fid-dijanjosi moderna.

Giovanni Battista Morgagni miet fl-1771.

**Gabriel Daniel Fahrenheit**

Fahrenheit kien fiżiċista Ġermaniż li twieled f'Danzig fl-14 ta' Mejju tal-

1686. Kien jgħix kemm fl-Ingilterra kif ukoll fl-Olanda u kien jaqla' x'jiekol mill-istrumenti meterjoloġiċi li kien jagħmel.

Gabriel Daniel Fahrenheit introduċa l-iskala termometrika li ġġib ismu u li kienet popolari ħafna, kemm fl-Ingilterra kif ukoll fl-Amerika.

Fahrenheit miet meta kellu ħamsin sena fis-16 ta' Settembru 1736.




**Anders Celsius**




L-astronomu Svediż Anders Celsius twieled fis-27 ta' Novembru 1701 ġewwa Uppsala fejn kien professur tal-astronomija bejn l-1730 u l-1744.

Fl-1730, Anders Celsius kiteb il-ktieb *Nova Methodus Distantiam Solis a Terra Determinandi* filwaqt li, fl-1738, kiteb ktieb ieħor jismu *De Observationibus pro Figura Telluris Determinanda.*

Ġewwa Nuremburg fl-1733, Celsius ippubblika kollezzjoni ta' tliet mija u sittax-il osservazzjoni tal-Awrora Borealis magħmulin minnu, flimkien ma' xi oħrajn, bejn l-1716 u l-1732.

Kien fl-1742 li Anders Celsius spjega s-*Centigrade Thermometer,* (it-temperatura tad-deni), f'teżi li għamel quddiem l-Akkademja Żvediża tax-Xjenza.

Celsius miet ġewwa Uppsala stess fil-25 t'April 1744 fl-età żgħira ta' tnejn u erbgħin sena.

**James Lind**



It-tabib Skoċċiż u Missier l-Iġjene Navali, James Lind, twieled fl-1716 u ħa l-M.D. f'Edinburgh fl-1748.

Bejn l-1758 u l-1783, Dr Lind serva bħala tabib fl-isptar navali ġo Haslar. Dak iż-żmien, in-Navy kienet mifnija bl-iskorbuta, (*scurvy*), marda qalila li kienet toqtol ħafna baħrin. Hawn ta' min ifakkar li, speċjalment meta kienu jmorru għal vjaġġi fit-tul, l-ikel tal-baħrin, ħafna drabi, kien jikkonsisti f'galletti, laħam immellaħ u affarijiet oħrajn bħal dawn li setgħu jiġu, b'xi mod, ippriservati għal ċertu tul ta' żmien.

Lind skopra li l-iskorbuta kienet ġejja minn nuqqas ta' vitamina Ċ fid-dieta tal-baħrin. Huwa rrakkomanda biex, meta jmorru għal vjaġġi fit-tul, lill-baħrin għandhom ituhom frott li fih ħafna minn din il-vitamina bħalma huma l-lumi u l-larinġ u, minn dak iż-żmien 'l hawn, l-iskorbuta għebet għal kollox minn wiċċ il-baħar. Huwa appuntu għalhekk li, fil-ktieb *Treasure Island* ta' Robert Louis Stevenson insibu li Jim Hawkins daħal fil-kartell tat-tuffieħ li kien hemm fuq il-gverta tal-bastiment minn fejn, inċidentalment, sema' d-diskursata klandestina u li, permezz tagħha, sar jaf bil-konfoffa li kienet qed titħejja kontra l-kaptan.

Fl-1761-62, Dr James Lind għamel arranġamenti biex abbord il-bastimenti navali Ingliżi jkun hemm apparat li jiddistilla l-ilma baħar u jagħmlu ilma ħelu tajjeb għax-xorb.

It-tliet xogħlijiet klassiċi ta' Lind huma *A Treatise on the Scurvy* tal-1754; *On the most Effectual Means of Preserving the Health of Seamen* li deher fl-1757 u *Essay on Disease of Europeans in Hot Climates* li ħareġ fl-1768.

Dr James Lind miet fit-13 ta' Lulju tal-1794.

# The Environment

***Anthony Borg***



I offer the rays of the sun
For free, without hindrance.
I keep your eyes stay sharp
So you can see far away
Till the edge of the world,
Between the sea and the sky.
Colours surround me:
Green and brown
For plants, trees and soil;
White and grey
For rocks and clay.
What else do you want?
Let me live!

# Karozza b'erba' roti

**Kitba ta' Lina Brockdorff**

Nibda biex ngħid li dan l-artiklu ktibtu fl-1976. Għaldaqstant, tajjeb iżżommu quddiem għajnejkom li, tul il-medda ta' dawn l-aħħar tlieta u erbgħin sena, inbidlu ħafna affarijiet li ktibt dwarhom dak iż-żmien. Partikolarment, illum, rari għadek tara ismijiet fuq it-trakkijiet li jterrqu mat-toroq ta' pajjiżna. Terġa' u tgħid, dawn it-tip ta' trakkijiet li qed nitkellem fuqhom hawn taħt donnhom qed jinqatgħu miċ-ċirkolazzjoni wkoll. Waħda mit-tqabbiliet li, fi tfuliti, konna nkantaw waqt li nduru dawra durella wara xulxin f'logħba ta' dak iż-żmien kienet din: *Karozza b'erba roti, tagħmel ħoss ta' terremoti, ħallina tibża' xejn, għax se jdoqqu is-sagħtejn!* Dan il-ħoss ta' terremoti, illum, tisimgħu tul il-jum kollu u, min ivvinta dik it-tqabbila, tassew kien jaf xi jfisser terremot. L-aktar, jekk tkun toqgħod f'xi triq ewlenija, bħalma noqgħod jien u tisma' l-ħġieġ u l-oġġetti tal-metall jiżfnu u jċekċku kull darba li jgħaddi xi trakk b'erba' roti; meta ma jkunux b'sitta jew bi tmienja wkoll u, allura, ikunu trakkijiet minn dawk il-kbar nett.

Ngħid is-sew li, minħabba l-istorbju u t-tregħid li jagħmlu, qabel bdejt nieħu interess fihom, dawn il-ħaljin trakkijiet kienu jinkwetawni waħda sew. Imma ġara li, darba fost l-oħrajn, skoprejt namra ftit stramba li għandha x'taqsam magħhom. Bdejt niggustalhom isimhom u qtajtha li nibda nżomm lista ta' dawn l-ismijiet. Biż-żmien, il-lista twalet mhux ħażin u saret tgħodd madwar tliet mitt isem differenti u jien, aktar ma niġbor, aktar nissaħħar fuqhom. Malli nilmaħ trakk ġej, inħossni qisni kaċċatur li jxomm l-isbaħ tajra tal-priża riesqa u, għalhekk, ħallini nimmira lejh permezz ta' par għajnejn, lapes u biċċa karta.



Is-sabiħa hi li, dawn it-trakkijiet mhux talli ma baqgħux idejquni imma, għall-kuntrarju, bdejt infittixhom jien stess. Ridt tarani meta kont noqrob lejn ix-Xatt tal-Marsa! Insuq il-karozza tiegħi, b'erbat itfal fuq wara jgħajtu kemm jifilħu isem it-trakkijiet li jinzertaw fuq il-moll. Mhux lakemm niddeskrivi l-eċitament li kien jaħkem lit-tfal. Huma kienu qed jobdu x-xewqa t'ommhom. Il-kbira tikteb waqt li l-oħrajn, kollha ta' inqas minn għaxar snin, min jaqra l-ismijiet tat-trakk u min jipprova jispellih u povra jien li ridt noqgħod attenta kif qed insuq b'dak l-istorbju kollu wara rasi. Ninsab żgura li, biex qatt ma dħalt f'xi trakk minnhom, bilfors li daħal għalija xi qaddis minn dawk li isimhom ikun impitter fuq it-trakkijiet li naraw!

Nitlobkom tagħdruni jekk l-ismijiet mhux ser ngħidhom kollha bil-Malti għax inħoss li għandi nkun ġenwina u nirrendihom skont kif sibthom ħalli ma ntelfilhom xejn mill-oriġinalità tagħhom. Inħoss ukoll li jkun ferm xieraq li nibda l-ewwel bl-ismijiet tal-qaddisin li nara fuq it-trakkijiet.

Bla dubju ta' xejn, l-ewwel post imur għal *Santa Marija* u *San Ġużepp* u dawn issibhom kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż u anki bil-Latin. Kif huwa xieraq, warajhom jaslu l-qaddisin patruni tal-ibliet u l-irħula Maltin bħal, ngħidu aħna: *San Ġorġ, San Bastjan, San Pawl, San Filep, San Martin, Saint Roque* u *Saint Andrew;* mingħajr ma ninsa li ssib ukoll bosta titoli tal-Madonna bħal: *Maria Mater Gratiae, Notre Dame* u *Tal-Karmnu.* Issib ukoll ismijiet tal-qaddis protettur tal-erba' roti, jiġifieri, *San Kristofru* waqt li isem oriġinali, li jfakkarni f'rokna antika ta' Malta, huwa *Santa Margherita ta' Bir Miftuħ.* Ma rridx ninsa li ltqajt ma' xi tnejn b'xeħta romantika wkoll għax imsemmijin għal *San Valentinu.*

Lil min ftit li xejn jagħti każ ta' dawn l-ismijiet ma rridux jieħu l-impressjoni li l-ismijiet kollha jerfgħulek ħsibijietek lejn is-sema. Għandna dejjem niftakru li mitt bniedem mitt fehma u għala le! Nidħlu fil-qasam tal-artisti tal-films, kemm nisa kif ukoll irġiel u kemm ħajjin u anki dawk li ħallewna bħal: *Marilyn Monroe, James Dean, Roy Rogers, Carmen Miranda, Yul Brynner* u *Maurice Chevalier.* U, biex il-kantanti ma jiħdux għalihom, jinsabu fil-lista wkoll: *Bing Crosby, Elvis, Paul Anka, Cliff Richard, Jim Reeves, Sandy Shaw, Cigliola Cinquetti* u *Orietta Berti.*

Lanqas l-ismijiet tal-films ma tħallew barra: *Ben Hur, Quo Vadis, East of Eden, Blue Max, Blue Angel, Love Story, East Lynn, High Noon, Goldfinger, Thunderbird* u *Hawai Five-0.* Magħhom, nistgħu ninkludu wkoll ismijiet ta' kanzunetti jew biċċiet ta' mużika popolari bħal: *April Love, It's Now or Never, Speedy Gonzales, True Love, Blue Tango* u *Blue Danube.* Naraw issa l-aspett romantiku ta' xi ismijiet. Iva, romantiku qed ngħid tipo: *Amore, For Ever My Love, Forget Me Not* u *Love Me or Leave Me!* Aktarx li wieħed ma jistenniex ismijiet daqshekk sentimentali fuq trakk ta' xi seba' tunnellati imma hekk hu u, ħafna drabi, dan l-isem issibu fuq sfond ċelesti jew aħmar, imżejjen b'disinji ta' kull għamla ta' ward, żigarelli u girlandi.

Nikkalkula li wieħed biss, minn kull ħamsa, kien ikollu isem fuqu u, minn riċerka li għamilt, sirt naf li, aktar ma jgħaddi ż-żmien, din l-użanza tal-isem fuq il-bonnet tat-trakk tidher li qed tinqata'. Dnub, jaħasra, għax dan id-daqsxejn ta' isem tassew jagħmel differenza kbira, anki jekk ikun sempliċi isem ta' mara jew ta' raġel. Isimgħu dawn: *Alfonso, Ċensina, Rosemarie, Carmelina, Menu, Frida, Stan, Josephine*

u *John Mary*.

Kos, min jaf kif sid it-trakk wasal biex iddeċieda x'isem għandu jpinġi fuq it-trakk tiegħu! Fil-każ ta' ismijiet ta' nies, naħseb li, meta jkun isem ta' mara, dik tkun il-maħbuba jew mart sid it-trakk; filwaqt li ma neskludix il-possibbiltà li, meta hu isem ta' raġel, dan x'aktarx li jkun is-sid stess. Imbagħad, trid tiftakar ukoll li hemm, saħansitra, laqmijiet minflok ismijiet: *Il-Gabaj, Ta' Nonu, Ta' Pinu, Ta' Masu, L-Iżgej, Tax-Xalun* u *Iz-Zizu*. Kont insib ukoll każi fejn, mid-dehra, minflok sid wieħed, it-trakk kien ikollu żewġ sidien, jekk mhux tlieta wkoll: *Two Brothers* jew *Three Brothers*. U isem ieħor ftit stramb li ma rridx ninsa kien jgħid: *It's Mother's Daughter!* (It-tifla t'ommha).



Hemm ismijiet oħrajn konnessi ma' ġiri qawwi jew supremazija fit-toroq tagħna. Xi ngħidu għal: *Road Master, The Winner, Road Giant, Road Runner* u *Road Fortress?* Aktar qawwijin u, forsi, aktar moderni tant li jħassbuk jekk humiex xi vetturi tal-art jew li qed iterrqu lejn il-qamar kienu: *Trident, Jumbo Jet, Speed Way, Super Jumbo, Concorde, Super Rocket, Super Star* u *Supersonic*. Mur merihom lil dawn it-talin! U, lil bosta minnhom, isimhom kien tassew joqogħdilhom ukoll!

Ħaġa interessanti hija li, anki fost din l-armata ta' trakkijiet, issib minnhom li jippretenduha li huma ta' klassi soċjali ogħla minn sħabhom; f'kelma waħda, hemm min iħoss li hu tas-*sangue blu*. Araw jekk għandix raġun: *King of the Road, Blue King, Proud Prince* u *King of Kings*. Oħrajn iwarrbu l-aristokrazija u jippreferu jaqilbu ma' tal-*jet set* bħal: *New Life, Flower Power* u *Power Plus*.

Ma nixtieqx inħalli barra ismijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tagħrif ġenerali. Pereżempju, il-ġografija u, jekk m'intix żgur fejn qegħdin dawn il-postijiet, jaqbillek tlesti l-mappa u tfittixhom xħin tara xi trakk minn dawn ġej lejk: *U.S.A., New York, Germany, Equador, Plymouth, Adelaide, Chicago, Monte Carlo, Monte Cassino, Mexico, Santa Fe* u, saħansitra, anki *The Iron Curtain*.

Induru għal personaġġi tal-istorja: *John Kennedy, Fidel Castro, Marco Polo, Dragut, Robin Hood* u *Wilson*. Għal dawk id-dilettanti tal-mitoloġija hemm xi ħaġa wkoll: *Hercules, Calypso* u *Pandora*. Għat-tfal iż-żgħar, għandna l-isem ta' xi ħrafa jew tnejn, ngħidu aħna: *Cindirella* u *The Lucky Giant*. Mill-Bibbja, hemm: *Mount Sinai, Ġuda, David, Salomè* u *Delilah*. Għal min għajnejh ikunu aktar lejn is-sema milli fl-art, hemm: *Sunshine, Morning Star, Evening Star, Southern Star, Red Star, Golden Star* u *Star Gazer*.

Niġu issa għal ismijiet ta' xi annimali; lista li tibda bl-insetti u tispiċċa bl-iljun feroċi: *Firefly, Busy Bee, Early Bird, Lizard, Bluebird, Bull Ring, The Valley Tiger, El Toro, Red Lion* u *The Lion*.

U biex il-lista tagħna tkun, tabilħaqq, imżewqa, għandna xi ħaġa dwar l-opri u l-operetti: *The Geisha, Fedora, The Flying Dutchman, Mikado, Żeża tal-Flagship, Othello, Rio Rita* u *Swan Lake*. U xi ħaġa tipikament Maltija ma tonqosx: *Imnarja, Rotunda, Porto Salvo, Tmienja ta' Settembru* u *L-Għarbi Turhan Bey*.

Għal min iħobb il-*boxing*, hemm *Joe Frazier* u *Rocky Marciano* waqt li, għall-eluf ta' partitarji tal-football hemm *Gigi Riva* u *Inter*.

Fadalli lista waħda li ħallejtha, apposta, għall-aħħar għax tassew iggustajtha. Dawn huma ismijiet li fihom il-kelma *boy*. Isimgħuhom: *Big Boy, Billy Boy, Golden Boy, Ginger Boy, Lucky Boy, Sonny Boy, Sunshine Boy, Tiger Boy, Marvellous Boy, Speedy Boy* u *Hunter Boy*.

Għandi jew m'għandix raġun nissaħħar wara dawn l-imberkin trakkijiet? Jisgħobbija li ma kellix ħin ngħidhomlkom kollha għax il-lista twila mhux ħażin. U xorta bqajt niġbor aktar minnhom kull meta nilmaħ xi wieħed ġdid. Kif jgħid wieħed mit-trakkijiet stess: *Never Say Die!* Għax għandi naqta' qalbi? Sadattant, min ikun jaf b'xi isem ġdid, nitolbu jgħarrafni.

U issa, skużawni; imma se jkolli nħallikom għax qed nilmaħ erba' roti resqin 'l hawn bil-ħeffa!

## Ad multos annos lil Lina Brockdorff f'għeluq sninha

### Miktuba minn Carmen Dimech

Lil ħabiba tiegħi Lina
F'dan il-jum daqstant speċjali
Xtaqt niktiblek dal-ftit versi
Għax int tħobb il-kitba, bħali.

Iż-żmien għadda u tar, bħal ħolma.
Sibna ruħna t-tnejn anzjana.
Imma aħna żgħażagħ dejjem,
Nagħtu gost bil-kitba tagħna.

Tiqafx Lin imm' ibqa' ikteb
Għax dak huwa n-nifs tar-ruħ
U, b'kitbietek, ibqa' tkellem
F'kull fuljett li jkun mitbugħ.

Lin, emminni meta ngħidlek
Hekk, inħoss xi ħaġa fija,
Nixtieq nerġa' nawguralek
Dakinhar li tagħlaq mija.

Jiena ċerta li tgħid bħali,
"Iġri tgħaddi l-pandemija!"
Għax mhux sew, f'ġieħ Tawxu Mawxu,
Li weħilna l-ħabs, bla ħtija.

Jekk żbaljajt fl-ortografija,
Nitlob biss li tiskużani.
Kieku, bit-teknoloġija,
Kont narak u int tarani.

Mill-qalb nerġa' nawguralek
Saħħa u sliem għaż-żmien li ġej.
Għaddi l-*birthday* mal-familja
Imbagħad, jagħmel il-Mulej.

# Iktar praspar mid-damma ta' ħajti



## Kitba ta' Franky Piccinino

L-aħħar darba, irrakkontajtilkom xi praspar li għamilt jien fi tfuliti. Imma, kif jgħidu, fl-aħħar tmiss lill-Papa u Ħadd wara Ħadd, tasal ta' kulħadd! Meta bdejt naħdem, sħabi ma damux wisq ma ndunaw li jien bniedem ċajtier, li naf noħodha ċajta u li ma niħux għalija malajr. U tgħidx kemm ipprofittaw ruħhom minni!

Mhux ta' b'xejn li sħabi kienu drawni, jew aħjar ngħid, konna drajna lil xulxin waħda sewwa għax għamilna iktar minn erbgħin sena naħdmu flimkien ġo fabrika tat-tessuti f'Ħal Qormi. L-inkwiet kont inġibu b'idejja jiena stess għax kollox kont ngħidilhom u ma kont naħbi xejn minnhom. Waħda mill-ewwel ċajt li għamluli kienet meta għidtilhom li tħajjart inrabbi għasfur tal-għana. Jaħdem magħna kellna wieħed li kien dilettant sew għax, barra milli kien irabbi l-għasafar, kien ukoll balzmatur. Malli wrejthom ix-xewqa tiegħi, qabeż dan u qalli, "Ħalli f'idejja, Piċċinin! Issa nġiblek wieħed jien."

Għidtlu, "Jien nirringrazzjak Ton; basta jkun isaffar. Jew isaffar, jew xejn għax, jekk ma jkunx isaffar, m'għandix x'nambih."

Qalli, "Int ħalli f'idejja; issa nġiblek wieħed jien, tal-ħbieb!" U, ta' raġel li kien, l-għada filgħodu narah ġej b'kanarin sabiħ ġo daqsxejn ta' gabbjetta. Qalli, "Issa ħudu d-dar u ixtrilu gaġġa ikbar ħalli jkollu fejn jimraħ u jkun jista' jgħanni kemm irid!"

Wara xi ġimgħatejn, waqt li konna miġburin għall-brejk nieklu biċċa ħobż, għidtlu, "Ton, dak l-għasfur li tajtni xtrajtlu gaġġa l-ġmiel tagħha, għamiltlu bandla u sellum żgħir ħalli jkollu biex jilgħab imma, għaddew ħmistax u għadni ma smajtx tpespisa waħda mingħandu!" Sħabi mill-ewwel bdew jitbissmu imma jien komplejt ngħidlu, "Però, issa qed ninnota li, meta jinżel jinħasel, qed jerħi l-isfar!" Sħabi ma felħux iżommu iktar bid-daħq. Kienu jafu x'kien għamilli Toni. Dak l-għasfur ma kien kanarin xejn imma kien għasfur tal-bejt miżbugħ isfar.

Darb'oħra fettilli mmur ngħidilhom li, mal-ikla ta' filgħaxija, kultant kont inħobb nieħu dik it-tazza mbid. Kellna ieħor jaħdem magħna kien dilettant jagħsar l-għeneb u jagħmel l-imbid. Qalli, "Issa, meta jsir, inġiblek flixkun milli nagħmel jien u għidli x'jidhirlek!" M'għaddiex żmien wisq li ma narahx ġej bi flixkun tal-imbid mingħajr tikketta Mill-ewwel indunajt x'kien. Qalli, "Meta tiftħu, duqu u għidli x'jidhirlek! Dan imbid magħmul mill-għeneb pur!"

Ħadtu miegħi id-dar u, darba fost l-oħrajn, qabel ħriġt mid-dar għax-xift ta' billejl, il-mara qaltli, "Ejja niftħuħ dak il-flixkun imbid li tak sieħbek, ħa nieħu tazza minnu, forsi jirnexxieli norqod, jaħasra!" Ftaħtulha, tajtha bewsa u tlaqt lejn il-fabrika. L-għada filgħodu, kif dħalt id-dar, mingħalija li l-mara kienet ser tilqagħni bħas-soltu u kif kont ħallejtha filgħaxija; jiġifieri b'xi bewsa. Minflok, insibha togħrok xuftejha tipprova tneħħi l-ħmura li kellha madwar ħalqha. Għidtilha, "Hemm xi ġralek?"

"Dak l-imbid!" weġbitni, wiċċha jrid jixkatta birrabja.

"Qaluli li dak pur; tal-għenba!" għidtilha.

"Kont ser ngħidlek ta' xiex inhu!" ħatfitni.

"Għaliex? Ma rqadtx bih jaqaw?" erġajt staqsejtha.

" U mur, ja miġnun," reġgħet qaltli; "dak ilma bil-kulur kien!"

U jien iċ-ċuċ, l-għada, mort ngħidilhom b'kollox lil sħabi u tistgħu tobsru kemm damu jidħqu u jissuttawni bl-għeneb.

Darb'oħra ma nafx kif ġie d-diskors u fettilli ngħidilhom li, fil-veranda, għandi erbat iqsari li tgħidx kemm huma għal qalbi. Wara ftit taż-żmien, ġie fuqi nisrani ieħor minn dawk li kienu jaħdmu magħna u, b'serjetà liema bħala qalli, "Naf li int dilettant tal-pjanti. Għadni kemm inħawwel il-pjanti għalija u ġibtlek waħda għax naf żgur li m'għandekx bħalha. u ħsiebha għax tisbieħ iktar!"

Irringrazzjajtu u, meta mort id-dar, kelli qasrija li kien fiha sukkulent li kont ili nieħu ħsiebu żmien twil u dejjem baqa' l-istess, qlajtu u, minfloku, ħawwilt dik in-naqra ta' pjanta li kien tani sieħbi. Bdejt nieħu ħsiebha kif kien qalli hu, tajtha s-sustanzi u kont insaqqiha kuljum. Darba minnhom, dan il-fidil staqsieni kif sejra l-pjanta li kien tani. Qbist jien u għidtlu li dik kienet ferm aħjar milli kelli qabel għax, fi żmien ħmistax, kibret kważi metru! Fost id-daħk ta' sħabna, qalli li dik bilfors li kibret metru għax dik ħubbejża u, anki jekk ma ssaqqihiex tikber, aħseb u ara jekk tieħu ħsiebha u ttiha s-sustanzi.

Darba waħda, qrib il-Milied, wieħed minn sħabna li, barra milli kien jaħdem magħna, kien jaħdem ukoll *part-time* ma' dulċier, ġie jbegħelna l-biljetti ta' lotterija li, bħala rigal, ir-rebbieħ kellu *hamper* sabiħ lest jistennih. Kulħadd ħadlu wieħed u jien ma bqajtx lura. Lejlet il-Milied, ċempel it-*telephone* u min kien qalli biex immur id-dolċerija tal-Ħamrun ħalli niġbor il-*hamper* għax jien kont irbaħtu. Il-mara tgħidx kemm ferħet meta għidtilha! Mort il-Ħamrun, sibt id-dolċerija u lil min kien hemm wara l-bank għidtlu li ġejt niġbor il-*hamper.* Il-lavrant kemmex daqsxejn wiċċu u qalli, "Naħseb li għandek xi żball ta għax il-*hamper* intrebaħ minn ħaddieħor u, fil-fatt, kienu diġà ġew għalih u ħaduh!"

Għidtlu, "Allura lili min ċempilli?"

Qalli, "Ma nafx sieħbi ta; naħseb li kienet xi ċajta!"

Mort id-dar u sibt lill-mara tistennieni.

"Fejn hu l-*hamper?*" qaltli. Sirt vampa nar u lanqas flaħt inkellimha. "Jaqaw bellgħulek xi oħra minn tas-soltu dawk l-insara li għandek jaħdmu miegħek?" reġgħet staqsietni.

Però, biex inkunu għidna kollox, din l-istorja ma spiċċatx hawn għax min kien għamilli dik iċ-ċajta, Alla jaħfirlu, (għax jien ili li ħfirtlu) ġie fuqi u qalli, "Biex nurik li jien ħabib ta' veru, ġibtlek *Christmas cake*. Għall-ewwel ma ridtx nemmnu għax għidt li din żgur xi ċajta oħra milli jafu jagħmlu imma, xħin rajt il-kejk, ma ngħidilkomx kemm kien imżejjen sabiħ. Dawk il-jiem, kelli l-kunjati għat-te u, peress li missier il-mara kien iħobb ħafna l-ħelu, għidtlu biex jaqsmu hu. Imma, malli daħħal is-sikkina, instemgħa ħoss ta' żaqżiq. l-kunjatu beda jħares lejja b'ċerta ħarsa stramba. "Forsi l-*icing* qed jagħmel dal-ħoss?" staqsejtu.

"X'*icing* hu, ta' papasek?" ħatafni. "Dan il-kejk tal-*jablo* minn ġewwa! Għandek erbat iħbieb tal-affari tagħhom fuq ix-xogħol ukoll!

F'erbgħin sena tgħidx kemm għamluli ċajt goff bħal dan u tant kienu jagħmluhom bil-għaqal li jien kull darba kont niblagħha sa griżmejja u huma tgħidx kemm kienu jidħqu bil-qalb għas-spejjeż tiegħi. Kont ili naħseb biex, xi darba, nagħmlilhom waħda tajba jien; ħa npattihielhom. Meta wasalt biex nirtira, stedinthom biex, l-għada tal-jum li fih kont ser nispiċċa mix-xogħol, jiġu s'għandi ħalli niċċelebraw flimkien; festin żgħir bejn il-kollegi, eks-kollegi u ħbieb antiki oħrajn li kienu jaħdmu magħna qabel. Il-mara kienet ilha tgħidli li tixtieq li nagħmlu safra żgħira u mmorru xi mkien barra minn Malta. Kemm minħabba x-xogħol tiegħi kif ukoll minħabba l-flus, qatt ma stajna mmorru kif xtaqna. Imma, sa fl-aħħar, mingħajr m'għidtilha xejn, qtajtilha xewqitha u bbukkjajt safra għal meta nispiċċa mix-xogħol. Ippakkjajna żewġ bagalji, ċempilt lil tal-*cab* u dan wassalna sal-Valletta *Waterfront*. Imma, qabel tlaqt, lil dik ta' ħdejja, għidtilha, "Agħmilli pjaċir żgħir; jekk jiġi xi ħadd jistaqsi għalina, għidlu li morna *cruise* u niġu lura ġimgħa oħra!"

---

# Issa kieku?

**Kitba ta' Carmen Dimech**



Kieku, waqa' u kiser siequ, kienet tgħid ommi. Jew, il-kieku u l-kien qatt ma raqdu flimkien.

Ma kienx Tawxu Mawxu li kitbet fuqu s-Sinjura Lina Brockdorff f'waħda mill-aħħar ħarġiet ta' dan il-fuljett għax imlieli moħħi b'kull xorta ta' immaġinazzjoni. Ma stajtx ma nasalx għall-konklużjoni dwar kemm jista' jkun faċli li tnejn minn nies li ma jarawx għajn m'għajn jispiċċaw biex naqra ta' qattus iwassalhom li anki jorqdu flimkien tassew. U, bla ma trid, tibda tgħid, "Issa kieku?" Ara kemm hawn romol jew nies li baqgħu għożżieba jgħixu ġo post waħedhom! Kieku l-qtates żgur ma jispiċċawx bla xogħol. Issa, kieku dan l-esperiment jirnexxi! U malajr bdejt nimmaġina l-*pros* u l-*cons*.

Mela, ħa nibdew bil-*pros*. Nassumu li elf persuna jsibu s-sieħeb jew is-sieħba tagħhom bis-saħħa ta' xi qattus bħal Tawxu Mawxu! Ara kieku kemm ikun hawn postijiet battala li, imbagħad, ikunu jistgħu jiġu allokati lil dawk li għadhom qed ifittxu saqaf fuq rashom! Vantaġġ ieħor mhux ta' min jistmerru huwa li, b'hekk, koppja jkollha żewġ pensjonijiet u t-tnejn ikunu jistgħu jgħixu daqsxejn aħjar. *Addio* s-solitudni filwaqt li l-ispejjeż u x-xogħol tad-dar ikunu jistgħu jinqasmu bejn it-tnejn. Kemm hu sew li hi tkun tista' tgħidlu, "Pawl, inti mur ixtrili u agħmel il-qadi u, sa ma tiġi lura, jien insajjarlek ftit stuffat li tibda xxommu jfuħ malli tiftaħ il-bieb ta' barra. O, kemm ikun sabiħ għalihom jum San Valentinu kieku!

U hemm ħafna iktar *pros* ukoll imma se jkolli nieqaf hawn għax anki l-*cons* qed iħabbtuli mal-bieb ta' moħħi. L-ewwel żvantaġġ jibda hekk kif, fl-ewwel lejl, hu jgħidilha li qed iħoss is-sħana u jitlobha tixgħel l-*air-conditioner*. U hi tkun pronta tgħidlu, "Mela x'nagħmel; dak iqabbadni wġiegħ fil-għadam lili; aħjar nixgħelu l-fan."

Jaqbeż hu u jgħidilha, "Dak nieħdu riħ minnu daqs tazza ilma." Jew meta jgħidilha, "Marì, illejla fid-disgħa, hemm logħba tajba bejn il-Juventus u l-Milan. Fakkarni għax ma rridx nitlifha!"

U hi tgħidlu, "U tgħid mhux se noqgħod nara tnejn u għoxrin raġel bil-qalziet ta' taħt jiġru wara biċċa ġilda u nitlef *Arani Issa*?"

Jew inkella jgħidilha, "Xtrajt żewġ ħutiet sbieħ Marì; illum lilhom nieklu!"

U hi tgħidlu, "Jien il-ħut ma nsajrux għax dak initten id-dar kollha bir-riħa tiegħu!"

U, l-istess, hemm ħafna aktar *cons* imma jaqbel li nieqaf hawn għax is-sens komun jgħidli li allura mhux aħjar kulħadd merqtu u ftietu; kif kienet tgħid ommi, Alla jaħfrilha? Imma, tant ħadt gost naqra dwar Tawxu Mawxu li ma stajtx ma ngħidx issa kieku dan il-fuljett tagħna l-anzjani jibda joħroġ darba kull xahar u mhux trid toqgħod tistenna tliet xhur biex joħroġ ieħor? Imma, imbagħad, stħajjilt lill-editur jgħidli, "Issa kieku, mhux aħjar taqtagħha Sinjura Carmen Dimech minn Ħaż Żebbuġ u ma toqgħodx tivvinta iżjed? Mela ma tafx kemm jirrikjedi xogħol biex toħroġ fuljett bħal dan?" u jkolli nigdem ilsieni. Xi trid tagħmel? Ħeqq, ippruvajt jien, hux?

# L-Illużjonist

## Storja ta' Jordy-Paul Gellel



Beda b'mazz karti tal-logħob. Lanqas kellu għaxar snin. Toħodlu karta bl-addoċċ u, fi ftit sekondi, jgħidlek liema kienet. Tista' tħawwad il-mazz, taqsmu, anki ttiħ mazz differenti minfloku jekk trid. Qatt ma kien ifalli!

Ma baqax tfal, il-passatemp kiber miegħu u, saħansitra, sar il-mestier tiegħu. Ħa l-isem sempliċi ta' "l-Illużjonist". Il-karti tal-logħob sparixxew u, magħhom, għeb ukoll l-obelisk tal-Blata l-Bajda. Kien spettaklu li l-pajjiż qatt ma kien ra bħalu qabel. Bi preparazzjoni, ingħalqet it-triq li, mill-Ħamrun, twassal għall-Belt u l-folla nġabret ġmielha; minn tfal sa pensjonanti, nisa u rġiel. Ftit turisti żdiedu magħhom ukoll meta raw li qisu se jseħħ xi avveniment interessanti. L-obelisk tgħatta b'liżar enormi minn erba' persuni stazzjonati fuq *lifter* għoli għal tal-apposta. Liebes qmis sewda, mantell vjola skur u tomna ħamra fuq rasu, ħwejjeġ li, iktar tard, saru sinonimi miegħu, l-Illużjonist għolla jdejh u niżżilhom b'kemm kellu saħħa. Mal-moviment, il-liżar iżżerżaq 'l isfel u l-obelisk, li min jaf kemm sewwieqa jgħaddu minn ħdejh kuljum mingħajr ma tant jagħtu kasu, ma deherx iktar. Is-sens ta' meravilja fost dawk preżenti stajt tħossu b'idejk. L-assistenti tal-Illużjonist sa tajru żewġ *drones* sew sew mill-ispazju fejn, is-soltu, kien ikun hemm l-obelisk biex juru li ma kien baqa' xejn mill-monument Eġizzjan. Ovvjament, dak kien għadu mhux kollox. Liżar ieħor twaddab minn fuq il-*lifter* u, sakemm dan sab ruħu mitluq mal-art, l-obelisk reġa' lura f'postu.

L-Illużjonist ma waqafx hemm. Waqt kunċert ta' Joseph Calleja fuq il-Fosos tal-Furjana, tar minn fuq l-udjenza minn naħa għall-oħra. Qata' x'se jkun id-distakk bejn iż-żewġ partiti l-kbar fl-elezzjoni ġenerali. Darba oħra, bdiet nieżla x-xita waqt spettaklu minn tiegħu fi Pjazza Teatru Rjal imma l-ebda qatra ilma ma misset lil dawk li kienu fl-udjenza. U, nhar il-festa ta' San Gejtanu filgħodu fil-Ħamrun, hekk kif il-partitarji tat-tamal daħlu l-każin biex joħorġu l-elf bandiera ħamra li kienu ppreparaw għall-marċ, sabuhom kollha blu.

Kien popolari immens u bosta kienu l-ammiraturi tiegħu. Imma, b'livell daqshekk għoli ta' ċelebrità, ma setax jonqos li jkun hemm ukoll il-kritiċi. Speċjalment wara li attenda tieġ li, għalih, ma kienx mistieden u biddel erba' pakketti ilma f'inbid. L-Illużjonist ma tax kas ilsien in-nies u, ftit ġranet wara, mexa fuq il-baħar minn ħdejn Tal-Veċċa sal-Gżejjer ta' San Pawl. U lanqas ma waqaf hemm. Żar orfanatrofju miżgħud b'xi mitt tifel u tifla, qasam ċikkulata f'sitt ċangaturi, poġġiehom f'kaxxa żgħira u ħalla lit-tfal kollha jieħdu ċangaturi kemm riedu, waħda wara l-oħra u, għalkemm kulħadd kiel u xaba', iċ-ċikkulata ma riedet tispiċċa qatt!

"Dan min qed jaħseb li hu?" staqsiet Mary wara li ġibdet nifs twil mis-sigarett. Ir-raġel tagħha tgħidx kemm kien jogħbodhom is-sigaretti imma hi ma kinitx toqgħod mingħajr ma tpejjep wieħed, speċjalment wara lejla appassjonanti mar-raġel t'oħtha. "Taf x'ġara meta qalu li t-*Titanic* tant kien majestuż li l-anqas Alla ma seta' għalih hux? Għereq! U meta John Lennon ftaħar li l-*Beatles* kienu iktar popolari minn Kristu? Ma tantx għaddew snin sakemm xi ħadd sparalu kiesaħ u biered. Jekk dan l-Illużjonist se joqgħod jitqażżeż, taparsi qed jagħmel il-mirakli bħal Kristu, se jispiċċa ħażin! Issa tara!" Kliem Mary, mibżuqa iktar biex timpressjona lir-raġel t'oħtha, imxaħxaħ fis-sodda maġenbha, milli għax kienet verament temmen fih, malajr ħadu l-forma ta' profezija!

M'għaddewx ħmistax. L-Illużjonist kien imsakkar f'kaxxa enormi tal-ħġieġ, mimlija bl-ilma, marbut bil-ktajjen, f'nofs il-pjazza ta' Raħal Ġdid. Kellu jeħles lilu nnifsu waqt li, fl-istess ħin, ma setax jieħu n-nifs. Skont l-esperti li tkellmu qabel l-illużjoni biex idaħħlu l-udjenza f'atmosfera ta' tensjoni u eċċitament, idealment, kellu jeħles fi tliet minuti. Inkella, in-nuqqas ta' ossiġnu jaf ikun ta' ħsara irreparabbli fuq il-moħħ u l-ġisem tiegħu.

Kollox kien jidher sejjer tajjeb. Fl-ewwel żewġ minuti, l-Illużjonist irnexxielu jeħles mill-ktajjen li kellu madwar idejh u anki minn dawk ta' riġlu l-leminija. Imma tax-xellug ma seta' jeħlisha b'xejn. It-tliet minuti għaddew u l-Illużjonist kien għadu fil-kaxxa taħt l-ilma. Tgħidx kemm beda jissara u dawk fl-udjenza li kienu l-eqreb tiegħu bdew jallarmaw ruħhom. L-imġiba tal-Illużjonist dejjem kienet waħda kalma, f'kull illużjoni li kien jagħmel imma, did-darba, deher ċar li kien qed jippanikkja. Kif l-arloġġ miss l-erba' minuti, l-assistenti tiegħu bdew iħabbtu mal-ħġieġ oħxon b'kull biċċa għodda li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Ħames minuti u l-Illużjonist waqaf jiċċaqlaq. Mas-seba' minuta, il-ħġieġ inkiser u l-ġisem tal-Illużjonist trembel 'il barra flimkien ma' dulluvju ilma. Il-voluntiera tal-Ambulanza ta' San Ġwann tawh kemm felħu fuq sidru u nefħulu f'ħalqu f'attentat iddisprat biex iqajmuh. Imma kien kollu għalxejn. L-Illużjonist ħalliena!

Il-funeral sar tlitt ijiem wara. Intgħażlet il-knisja ta' Kristu Re għax, kif kien mistenni, biex jagħtuh l-aħħar tislima, in-nies attendew bl-eluf. Nies jibku kien hemm bil-bosta imma xi bankijiet kienu mimlijin b'nies bħal Mary li, f'qalbha, bdiet tgħid, "Basta ħafna maġija u għeġubijiet, biex spiċċa ġo tebut ferm qabel iż-żmien u, sa sagħtejn oħra, ikun sitt piedi taħt l-art ukoll." Lir-raġel tagħha, bilqiegħda ħdejha, ma qaltlu xejn minn dan imma kellha seba' mitt sena biex filgħaxija terġa tiltaqa' mar-raġel t'oħtha u tirrakkuntalu kollox; waqt li tpejjep sigarett.

Iċ-ċelebrant għamel il-kelmtejn tas-soltu. Beda jirrakkonta okkażjoni partikolari meta l-Illużjonist sparixxa minn qalb folla nies f'Bieb il-Belt u, sekonda wara, deher fuq il-plattin tal-Funtana tat-Tritoni. "Kien jgħolli jdejh 'il fuq," kien qed jgħid iċ-ċelebrant, "u, kif iniżżilhom 'l isfel b'saħħtu kollha, isseħħ l-illużjoni f'radda ta' salib!" Waqt l-ispjega tiegħu, il-patri għamel l-istess moviment li tant kien magħruf għalih il-mejjet. F'daqqa waħda: bumm, bumm, bumm! Kien taħbit ġej minn naħa tat-tebut f'nofs il-knisja. Kulħadd issomma għax kien ċar li l-Illużjonist kien qed iħabbat b'kemm kellu saħħa mal-għatu tat-tebut biex jiftħulu!

# APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**

Is-Sur Emidio u s-Sinjura Louise Bezzina (Msida) - €10.00
Is-Sinjura Pauline Caruana (Msida) - €5.00
Is-Sinjura Salvina Camiller (Ħ'Attard) - €10.00
Is-Sur Anthony Griscti (San Ġwann) - €10.00

**L-Editur**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha, (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.

Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.

Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.

Grazzi bil-quddiem



# Bolero

(Fis-sħana ta' Wied il-Għajn ħdejn il-baħar)

**Poeżija ta' Karmenu Mallia**

Mort 'il bogħod infittex
Ilwien il-kliem
Li jiddu fi smewwiet
Li qatt ma jgħibu.
Chomsky għaraxni,
Qanqalni u feraħ miegħi.
Infetħu mħuħ
Demmgħu qlub
Bl-istess simetrija
'L hemm mill-ibħra
Li jgħallqu n-nazzjonijiet.
Ippruvajt nifhem u nħoss
U kliemhom ġbartu
Fi lsieni biżżejjed b'saħħtu.
Staqsu 'l missirijieti!
U 'l bogħod sar qarib
U dak u l-ieħor saru jien.
Ħassejtni kollni ferħan niżfen bolero
Bejn il-poeti.

# L-Interview

## Storja ta' Joseph Muscat mill-Fgura



Dam ġranet qabel bagħat il-messaġġ; kien ħalla ftit żmien imma, imbagħad, fl-ewwel jum tal-ġimgħa ta' wara, bagħtu. Kien qara l-avviż f'ġurnal ta' kuljum; it-tipi kienu grassi, biex wieħed jarahom żgur. Kien jgħid hekk: *Meħtieġa ħaddiema mal-kumpanija Clearing and Forwarding. Salarju tajjeb, xahar leave, nofstanhari bejn l-1 t'Awwissu u l-15 ta' Settembru flimkien ma' xahar sick leave fis-sena. Min irid, jista' japplika permezz tal-posta elettronika u jibgħat CV. Kull applikazzjoni tiġi ikkunsidrata.* Tommy bagħat l-applikazzjoni tiegħu u bagħat ukoll xi kwalifiki u ċertifikati li juru li, fiż-żmien, kien jaħdem barra minn Malta.

Xi jiem wara, irċieva tweġiba li kienet tgħid hekk: *Grazzi tal-applikazzjoni tiegħek. Inti mistieden tattendi għal interview nhar it-Tnejn, 6 ta' Mejju 2019 fid-09.00, fl-uffiċju tagħna, ix-Xatt tal-Belt. Inselli għalik, Doreen Fava, Segretarja, għaċ-Chairman, Clearing & Forwarding.*

It-Tnejn, 6 ta' Mejju wasal u Tommy sab ruħu quddiem it-tabella kkulurita ta' *Clearing & Forwarding*. Imnalla x-xita ma bdietx nieżla qabel wasal eżatt quddiem il-bieb, għax kien jixxarrab għasra. Il-ġurnata minn filgħodu turik għax, dakinhar, sebaħ jum bix-xita l-ħin kollu thedded.

Tommy għamel il-kuraġġ. Imbotta l-bieb tal-ħġieġ bejn żewġ kolonni, waħda fuq kull naħa, bit-truf tagħhom irrumblati bħal parċmina stil Ruman. Daħal ġewwa xi ftit anzjuż. Tfajla wara skrivanija, bit-*telephone* ma' widnejha, tbissmitlu.

"Miss Fava?"

"Yes?"

"Bgħattu għalija għall-interview!"

"Tommy Borg?" staqsietu waqt li ħarget minn wara l-iskrivanija.

"Iva" weġibha.

Is-segretarja tektket bil-mod fuq bieb ta' uffiċju ieħor, fetħet u daħlet. Wara ftit sekondi, reġgħet ħarġet mgħobbija b'żewġ *files* ħoxnin. "Is-Sur Pace dalwaqt ikun miegħek. Poġġi bilqiegħda! Issa jgħajjatlek." U, wara ftit, ċempel it-*telephone*, is-Segretarja weġbitu imbagħad, waqt li poġġiet ir-receiver f'postu, daret lejn Tommy u qaltlu, "Tista' tidħol!" Daħal, sellem, poġġa bilqiegħda u bdew ġejjin il-mistoqsijiet. "X'jismek? Fejn toqgħod? X'qed tagħmel bħalissa? Fejn kont taħdem qabel? Għandek esperjenza f'dan ix-xogħol? Taf issuq?" staqsa ċ-*chairman* minn wara l-iskrivanija.

U Tommy beda jferra' l-istorja ta' ħajtu. "Bejn it-30 ta' Mejju tal-1990 u l-aħħar ta' Settembru 1993, għamilt tliet snin u erba' xhur naħdem il-Libja. Kont insuq Toyota 400. Kont inġorr il-merkanzija minn Tripli sal-lukanda Jedhra; distanza ta' tmienja u sittin mil."

"Illaħwa, x'int preċiż!" stagħġeb is-Sur Pace. "Kif jirnexxilek tiftakar dawn id-dettalji, wara dan iż-żmien kollu?"

"Nizzi ħajr 'il Alla, għandi memorja tajba Sur Pace," ftaħar Tommy.

"Tiswielek għal xogħol bħal dan," għamillu kuraġġ iċ-*chairman* li, wara li ta ħarsa ħafifa lejn l-applikazzjoni li kien bagħat Tommy, kompla jgħidlu: "Hawnhekk qed tgħid li inti kont issuq xi ajruplan żgħir ukoll. Għidli ftit, x'tip ta' ajruplan kont issuq?"

"F'Medina, ftit 'il bogħod mil-Lbiċ ta' Sirte, kont insuq De Havelland. Minn hemm, kont intir għal Saqra; xi erbgħin mil fil-Lvant ta' Tripli."

Wara l-iskrivanija, is-Sur Pace pponta s-swaba' ta' jdejh it-tnejn forma ta' kampnar, tbissem u kompla jimbxu, "Għal li jista' jkun, ma tiftakarx in-numri li kien hemm fuq l-ajruplan, hux?"

"Niftakar sew! Kien ajruplan ta' lewn il-karkir; in-numri tiegħu kienu X-312O, u n-numru tal-magna kien LTC 48912," kien pront wieġbu Tommy.

"Tiftakar xi numri ta' vetturi oħrajn li kont issuq?" Iċ-*chairman* kien kważi ċert li Tommy ma kienx se jwieġbu tant li ssorprenda ruħu meta, mingħajr tlaqliq, qallu: "In-numru tad-*Dodge* kien FXD-5121. Imbagħad, wara sena, bdejt insuq *Daf*. In-numru tar-registrazzjoni tiegħu kien LVA-3812 filwaqt li n-numru tax-*chassis* kien LT.42902."

"Proset tassew," qallu ċ-*chairman*; "x'memorja għandek!"

Tommy lewa ħalqu fi tbissima ta' sodisfazzjon u, waqt li tektek sebgħu l-werrej ta' idu l-leminija ma' ngħasu, kompla jiftaħar: "Dak li jidħol fil-

gaġġa ta' moħħi ma jerġax joħroġ Sur Pace!"

"Fl-applikazzjoni tiegħek, qed tgħid ukoll li kont taħdem id-dwana?"

"Iva, kont inġorr il-merkanzija minn post għall-ieħor; drappijiet, injam, ħadid, siment; li jiġi, insomma."

"Apparti x-xogħol, għandek xi delizzju?" ried jaf iċ-*chairman*.

"Iva, mela! Meta jkolli xi naqra ħin ħieles, inqattgħu fil-ġardina. Għandi naqra ta' ġardina wara d-dar, għoxrin pied wiesgħa b'għoxrin pied tul. Dak l-uniku żvog li għandi! Parti minnha, huwa meħud minn *rock garden*; taf int, ċagħaq, ġebel, kaktus u sukkulenti oħrajn. Tistħajlek qiegħed fil-*wild west*. Parti oħra hija ddedikata għall-ħwawar, bħal, ngħidu aħna, ħabaq, naniegħ, merqtux, origanu, tursin, karfus, fejġel u rand. Biżżejjed biex tagħmel borma stuffat jew xi fenkata tajba!" U hekk niżel is-separju tal-mistoqsijiet.

"Proset tassew," qallu s-Sur Pace; "Impressjonajtni! Issa nitkellem daqsxejn mal-*partners* tiegħi u ngħarrfuk xi nkunu ddeċidejna. Però, m'iniex nara problemi. Tajjeb hekk?" u ħadlu b'idejh qabel jinfirdu.

Tommy ċċassa jħares lejn ix-xita li kienet qed tfaqqa' bil-kattiv mal-ħġieġ tat-tieqa. Imbagħad ħares lejn umbrella, b'manku tal-ivorju, tistrieħ f'rokna. "Sur Pace, jimporta jekk nitolbok pjaċir tislifni ftit l-umbrella?" staqsieh.

"Għaliex?" ried jaf is-Sur Pace. "Jaqaw m'għandekx umbrella?"

"Dażgur li għandi," wieġbu Tommy; "Għal waħda tnejn ukoll!"

"Mela x'ġara?" reġa' ċ-*chairman*.

"Insejtha!' qallu Tommy xott xott. U ħalla lis-Sur Pace iħokk rasu.

---

# Lir-raġel tiegħi

(għall anniversarju taż-żwieġ)

**Poeżija ta' Julia Curmi Cassar mis-Siġġiewi**



Raġel tiegħi, kemm inħobbok!
Dan żgur inti ma tafux.
Din l-imħabba ta' bejnietna
Hi misteru; ma tifhmux!

Tinsiex, darba, jiena x'wegħdtek,
Meta konna fuq l-altar;
Nibqa' nħobbok dejjem iżjed
Għax tassew żmien il-fsied tar.

Inti s-sieħeb tal-qalb tiegħi
U familja dejjem xtaqt.
Jien l-istess, min-naħa tiegħi,
Dmir imħabbti wkoll wettaqt.

Inti taf, O raġel tiegħi,
Piż familtna kemm hu tqil
'Mma, b'imħabba u bi bżulija
Dan l-impenn ma hux tfixkil.

Din il-ħolma ta' ħajjitna
Ġiet imżejna wkoll bit-tfal.
Faraġ, hena ġabitilna
Li gawdejna għal snin twal.

Nibqa' nħobbok, għażiż tiegħi.
Taf li issa ġa nanniet.
Din surietna m'għadiex sbejħa
'Mma mħabbitna le ċediet.

Iva, xjaħna, raġel twajjeb
U wasalna lejn it-tmiem.
Din saħħitna qiegħda tmajna,
L-arloġġ għaġġel wisq quddiem!

Kuraġġ nagħmlu, mela, issa!
Il-Mulej lilna se jżur;
Il-Madonna tistenniena
U se nkunu l-Ġenna, żgur!



# Ċikku

## Kitba ta' Vincent Piccinino

Kien fih tip Ċikku! Kien joħroġ b'kull waħda! Ma nafx minn fejn kien jivvintahom! Is-sabiħa hi li, filwaqt li kien jifqa' lil kulħadd bid-daħq, hu kien jibqa' serju. Li hu żgur hu li, ma' Ċikku, ma kont iddejjaq qalbek qatt. Kellu kelb. Taf x'semmieh? Wiċċ ta' kelb! Allura, meta dal-ħali kelb kien ifettillu jmur ixammem ma' saqajn xi ħadd, Ċikku erħilu jgħidlu, "Ejja 'l hawn, ja wiċċ ta' kelb!" U kulħadd mgħoxxi bid-daħq.

Darba, ħu Ċetta, il-mara ta' Ċikku, rebaħ is-*Super Five*, meta kienet għolja u, għax ma jafx jieħu pjaċir waħdu, qabad u ta €500 kull wieħed lil ħutu u lit-tfal ta' ħutu kollha. Meta ġie għal Ċikku, biċ-ċajt, qallu, "Int il-problema Ċikk, għax int għandek ħamest itfal." Qabeż Ċikku u, sħun sħun, qallu, "Għandi ħamest itfal biss għax ma kontx naf li se tirbaħ is-*Super Five* għax kieku lanqas kont niċċaqlaq mill-kamra tas-sodda!"

Ma nafx kif ma kinitx tieħu għaliha Ċetta, daqskemm kien jgħid xorti fuqha, fuq in-nisa u fuq iż-żwieġ! "Alla ħalaq id-dinja f'sitt ijiem u, fis-seba' jum, straħ," kien iħobb jgħid, "imbagħad ħalaq il-mara u, minn dakinhar 'l hawn, ħadd ma straħ iżjed!" U kulħadd mifqugħ bid-daħq. "M'għandekx idea kemm tgħid!" qalli darba, "Ma tiqafx teqred!"

"U ħallina minnek Ċikk," għidtlu jien, li kont naf kemm kellu mara kwieta.

"Mhux 'ħallina minnek'," ħatafni, "fis-sajf li għadda, ħadtha ġurnata l-Għadira u ħadet xemxata f'ilsienha!"

Imma, kieku kellna ngħidu s-sewwa u s-sewwa kollu, kieku konna ngħidu li Ċikku, lil Ċetta, kien jaduraha. Mhux billi kien iħobb jiċċajta fuq iż-żwieġ. Bħal ta' Charlie Clews u l-kunjata din. Impressjoni mod u r-realtá ħaġ'oħra. "Għada, jien u Ċetta, nagħlqu ħamsa u erbgħin sena miżżewġin," kien qed jgħid darba.

"Tgħid noqtlu fenek?" issuġġeriet Ċetta.

"Dak x'jaħti, miskin?" kien pront qallha Ċikku.

"Allura jekk int daqshekk kontra ż-żwieġ, għalfejn iżżewwiġt Ċikk?" staqsih xi ħadd.

"Jien il-patri ngannani," wieġeb Ċikku serju serju, "għax dak qalli 'sa ma l-mewt tifridna,' jien ħarist lejha, rajtha pallida pallida u m'għidtx li se ġġebbed daqshekk!" Fuq l-istess suġġett, darb'oħra qal, "Il-patri sgwidani għax dak qal *for better, for worse* u jien għidt, *u iva, tmien snin jgħaddu*!"

U ma' Ċikku, qatt ma stajt tkun ċert jekk hux qed ikellmek biċ-ċajt jew bis-serjetá. Injurant ma kienx u, aktarx iva milli le, kollox biċ-ċajt kien jieħu; iċ-ċajt biss kien jieħu bis-serjetá! Darba ltqajna l-Belt u morna nieħdu flixkun birra flimkien, il-*King's Own*. "Sibt fejn tipparkja?" staqsejtu.

"Il-Belt ma nidħolx b'tiegħi" weġibni. "Hawn ma ssib tipparkja mkien."

"Mela biex ġejt?" erġajt staqsejtu.

"Il-karozza ħallejtha l-Blata l-Bajda u ġejt bil-*Park and Drive*!" qalli.

Jien tbissimt, għal li jista' jkun, imma Ċikku baqa' serju. "Illum, il-Bambin bagħtek" għidtlu; għax ridtu jagħmilli biċċa xogħol.

"Kollox sew," qalli, "imma mhux għalissa; meta niġi lura mis-safar."

"Mela se ssiefer Ċikk?" għidtlu jien.

"Sejrin għaxart ijiem *tour* tal-Iskandinavja," qalli.

"Fuq liema bażi qegħdin," staqsejtu, "*half-board*?"

"Le," qalli, "*bread and breakfast*!"

Kien fih tip Ċikku! Lanqas irrid nemmen li ilu tmintax-il sena mejjet. Ftit ilu, mort fuq il-qabar tiegħu. Ċikku ma kienx jibża' mill-mewt. Niftakar li spiss kont nisimgħu jgħid li l-mewt, kerha għal min jibqa' ħaj, mhux għal min imut! U, jekk toqgħod taħseb ftit, tirrealizza li sewwa kien jgħid.

Kienet tħobbu Ċetta lil Ċikku! Mhux talli ma kinitx tieħu għaliha, talli kienet l-aktar waħda li tidħaq bil-qalb kull darba li Ċikku kien joħroġ b'xi waħda minn dawn. "Ngħidilha x'ngħidilha, kollox biċ-ċajt tieħu!" kien qalli Ċikku darba. "Ilbiraħtlula, kienet xi daqsxejn ma tiflaħx u, filgħaxija, inżilt s'għand Nenu nieħu flixkun birra u, kien hemm logħba *football*, noqgħod nara biċċa hemm. Qabel ħriġt, għidtilha, 'Jekk tħossok se tmut, itfi l-linfa, biex ma naħlux!' Qabdet tidħaq! Għidtilha, 'Qed tidħaq għax ma rajtx il-kont tad-dawl!' Qaltli, 'U mur, ja miġnun!' U kompliet tidħaq."

Veru kienet tħobbu Ċetta lil Ċikku! Mhux l-ewwel darba li kienet tgħid li, jekk imut hu, tmut warajh. U, balleċ, hekk kien! Ilbieraħ ħaduha!

# Is-Siġra tat-Tuffieħ u l-Blanzun tal-Ward

**Addattament ta' Marion Higgins Debono**



Siġra tat-tuffieħ u blanzun tal-ward kienu mħawlin ħdejn xulxin fi ġnien. Meta qorob is-sajf, il-blanzun tal-ward beda jiftaħar kemm il-ward tiegħu huwa sabiħ billi qal, "Jien nagħti ferm aktar gost u dan juri biċ-ċar li jiena wisq aktar importanti minn ħaddieħor."

"Ħabib tiegħi," wieġbet is-siġra tat-tuffieħ," is-sbuħija waħedha ma tfisser xejn!"

"X'jigifieri? Xi trid tghid biha din?" staqsa l-blanzun. Imma t-tuffieħa baqgħet siekta.

Waslet il-ħarifa u t-tuffieħ kiber ġmielu. Għadd ta' tfal kienu mixjin fit-triq qrib dan il-ġnien. Daħlu fih u tifel minnhom fettillu jitfa' ġebla lejn is-siġra tat-tuffieħ. Xi frieghi minnha ċċaqalqu u waqqgħu t-tuffieħ il-misjur mal-art. It-tfal dlonk ġabru dak il-frott sabiħ u qabdu ħerġin 'il barra.



Waħda tifla lemħet il-blanzun tal-ward. Resqet lejh biex taqta' warda imma xewka niggżitilha subgħajha. Qabżet is-siġra tat-tuffieħ u qalet, "Issa qed tifhem? Meta xi ħadd jixtieq fjura minn tiegħek, inti tniggiżhom; avolja tgħidx kemm ifaħħruk. Jien nagħti l-frott tiegħi anki lil min igarali l-ġebel!"

Din in-naqra ta' storja fiha tagħlim tassew ħelu. L-ewwel nett, tantx tiftaħar b'rixek; it-tifħir tiegħek innifsek mhuwa l-ebda rakkomandazzjoni. It-tieni, kif għallimna Sidna Ġesù Kristu stess, agħmel il-ġid lil dawk li jagħmlulek id-deni!

# Pandemija, Melankonija u Ewforija

**Jordy-Paul Gellel - 5 ta' Mejju 2020**

Tħajjart inħarbex dil-poeżija
Biex forsi ntaffi l-monotonija.
Imma l-problema il-waħdanija;
Ma nafx inqabbel. Ajma, x'mistħija!

Qbadt dizzjunarju b'lingwa Maltija
Għammixt għajnejja għax, *mamma mia,*
Paġni fih ħafna; madwar tmien mija
'Mma xejn ma jaqbel, Ġieżu Marija!

Ħbatt se niddispra, qalbi mifnija.
"Imm' għax għalija din it-tbatija?
Għaliex mistura din il-maġija
Ta' rima mbewsa? O, xi sbuħija!"

Fittixt l-għajnuna; ċempilt lil ħija,
Ċempilt liz-zija, lin-neputija.
Kemm qegħdin tajjeb! Bdew jidħqu bija!
Qtajtilhom niġri għax ħadt għalija.

Fittixt naqr' arja fil-gallarija
Għax għamlet bija l-epidemija.
Għajnejja waqqgħu fuq il-lumija
Li għandi mħawla f'nofs il-ħamrija.

Naf x'għandi nagħmel! O, x'allegrija!
Ħadt nifs 'il ġewwa, nifs t'enerġija.
Rajt xaqq ta' tama; rajt raġġ ta' dija
Illi ċċarġjawli il-batterija.

"Ħallik mill-qaħbeċ ta' poeżija;
Ħallik mir-rima u mill-fantasija."
U, biex inneħħi l-melankonija,
Ħmejt kejk tal-lumi; u dik tjubija!



# TISLIBA Nru.99

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. ....x-xemx taħarqu u x-xita tmissu! (6)
5. Id-.... jitwieled miegħek (6)
10. Telaq (3)
12. Rappreżentant (5)
14. Aktar ġamm (5)
15. .... jgħakkes lix-xjuħ u liż-żgħar (4)
16. Salvu Naudi (2)
17. Fetħa fil-ħajt (5)
19. Likwidu li jintuża għal kitba/stampar (5)
22. Appetajżer (8)
24. Għaodda li kienet tintuża biex titqaxxar il-leħja (3)
25. Drapp minsuġ (6)
28. Karozza kif isejħula t-tfal żgħar (5)
31. Żgur mhux rebħa (5)
33. Ġaħan kien imsemmi għalihom (7)
35. Għafas il-grillu u ... (5)
37. Biċċa arma ma toqtolx! (2)
38. Ċanga bl-irħam (6)
39. Skorċa fil-wiċċ tal-ħalib mgħolli (5)

**Weqfin:**
2. Xitla bi fjuri jfuħu ta' bosta lwien (5)
3. Naqxet il-fekruna jew xita qliel jew riħ fortuna (4)
4. Il-belt kapitali ta' dan il-pajjiż ex Russu Hijakiev (7)
6. Mwaqqaf; Arbulat (5)
7. Ħadem minn taħt biex iġelled (6)
8. Ħuta magħrufa għal-logħob fiċ-ċirku (6)
9. Kunjom li taħseb li wasal fl-aħħar?! (6)
11. Dan issibu fil-karti tal-logħob (3)
13. Tqarreb (7)
18. Tefgħa tas-sieq (4)
20. Nikkarezza (7)
21. Flixkun: Reċipjent żgħir għal xi likwidu (3)
23. Għasfur li kapaċi jirrepeti kliem meta jidraħ (9)
26. Damdam: jgħid fuq l-istess ħaġa (6)
27. Kuntrarju (6)
29. Qafla f'għassa (6)
30. Barra mit-ton (6)
32. Ngwala; Nġieb (3)
34. Imħejji; Puntwali (5)
36. Metall jagħti fl-aħmar (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 98 intrebħet mis-Sinjura Mary Galea – B'Kara **Prosit!**

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 98**

**Mimdudin:** 1 Naxxar , 5 ġrajja, 10 mod, 12 aħlef, 14 xadin, 15 dura, 16 ti, 17 ħorra, 19 uqija, 22 dittatur, 24 mur, 25 immira, 28 xmara, 31 ċella, 33 saturnu, 35 tuttu, 37 oż, 38 attent u 39 dulur.
**Weqfin:** 2 aħdar, 3 xemx, 4 raddied, 6 Ralph, 7 adurat, 8 pendlu, 9 Sannat,11 oat, 13 fortuna, 18 rari, 20 immultat, 21 jum, 23 axxetiżmu, 26 aċiduż, 27 bastun, 29 avukat, 30 iċċara, 32 abt, 34 renju u 36 tot.





# L-Anzjani fil-Bibbja

## Kitba ta' Anthony Mule' Stagno
## President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**David**

David huwa dak li, meta kien għadu tifel, kien qatel lill-ġgant Gulija. Sar sultan wara Sawl u baqa' jsaltan sakemm miet. Ma nafux kemm kellu żmien meta miet imma, kif tirrakkonta l-Bibbja, nafu li, meta kien diġà xjieħ ħafna, kellu xi problemi dwar min kien ser jilħaq warajh. Huwa kien qal lil martu, Batseba, li s-suċċessur tiegħu għandu jkun binha, Salamun, imma ibnu l-ieħor, Adonija, ippretenda li jkun hu s-suċċessur. Dan ġabar madwaru għadd ta' segwaċi, inkluż lill-qassis Abjatar. Imma kien hemm oħrajn li ma segwewħx, fosthom il-qassis Sadok u l-profeta Natan. Anzi Natan, li kien jaf David lil min ried sultan warajh, ftiehem ma' Batseba biex jgħarrfu lil David dwar dak li kien qed iseħħ.

Adonija għamel festa kbira u stieden lis-segwaċi tiegħu; lill-qassisin kollha minbarra lil Natan, u lil ħutu kollha, minbarra lil Salamun. Iddikjara ruħu sultan u bdiet il-festa. Imma Batseba daħlet quddiem David u fakkritu fil-ħalfa li kien għamel li Salamun ikun sultan warajh u qaltlu x'kien qed jagħmel Adonija. Bilkemm laħqet ħarġet minn ħdejn żewġha li ma daħalx Natan u kkonfermalu dak li kienet għadha kemm qaltlu Batseba. Anzi, żied jgħidlu li xi wħud kienu diġà qed iqisu lil Adonija bħala sultan. David sejjaħ lil Batseba u lil Sadok, reġa' tenna l-ħalfa li s-suċċessur tiegħu għandu jkun Salamun u ordna lil Sadok u lil Natan biex jieħdu lil Salamun f'Għan, hemmhekk jidilkuh u jiddikjarawh sultan u, wara, iġibuh biex joqgħod fuq it-tron.

Meta dilku lil Salamun sultan, daqqew it-trombi u l-poplu beda jfaħħar lis-sultan il-ġdid. Adonija, li kien għadu kif spiċċa l-ikla tal-festa li għamel mas-segwaċi tiegħu, sema' d-daqq tat-trombi u l-agħa tan-nies u staqsa x'kien ġara. Wasal il-qassis Ġonatan, bin Abjatar, u qalilhom li s-Sultan David kien ħatar lil ibnu Salamun bħala s-sultan il-ġdid. Adonija ddispra u mar jiggranfa mal-altar biex ħuħ Salamun ma joqtlux. Meta Salamun sema' b'dan, huwa bagħat għalih u ħaliflu li ma kienx ser joqtlu.

Wara dan l-avveniment, insibu li David ta xi pariri lil Salamun dwar kif għandu jmexxi s-saltna tiegħu u David miet.

**Salamun**



Salamun huwa dak li, meta Alla staqsieh xi jrid, wieġbu li ried l-għerf biex imexxi l-poplu u Alla tant għoġbitu din it-talba li qallu li ser jagħtih mhux biss dak li talab imma ħafna aktar, inkluż ġid bla qies. Salamun huwa wkoll dak tal-famuża storja tat-tarbija u ż-żewġ nisa it-tnejn jgħidu li hija tagħhom. Fi ftit kliem, huwa dak li nkunu qed nirreferu għalih meta ngħidu 'għaref daqs Salamun'. Insibu wkoll li slaten minn artijiet oħra mbiegħda kienu jżuruh biex isolvilhom il-problemi li kien ikollhom jew biex iġarrbuh b'xi mistoqsija antipatika. L-aktar famuża fost dawn kienet is-Sultana ta' Saba li kienet marret għandu b'ħafna rigali u b'salt mistoqsijiet strambi biex tara kif kien ser iweġibhom.

Imma, minkejja għerfu kollu, fi xjuħitu, dan is-sultan għaref ukoll għaxxaqha; kif ngħidu aħna l-Maltin. Kellu difett wieħed li jidher li, aktar ma xjaħ, aktar ikkakkma fih Kien iħobb ħafna n-nisa! Infatti, insibu li Salamun kellu seba' mitt mara, flimkien ma' tliet mitt konkubini. Sa hawn xejn stramb għax, dak iż-żmien, dan kien permess. Imma Salamun kien iżżewweġ ħafna prinċipessi minn artijiet pagani, inkluż minn dawk li Alla kien wissa lill-Iżraeliti biex ma jiżżewġux magħhom. Imma, anki sa hawn, jidher li donnu li Alla għalaq għajnejh; min jaf, forsi għax Salamun dan għamlu biex isaħħaħ is-saltna tiegħu. Imma, fi xjuħitu, Salamun beda jisma' minn dawn in-nisa u jibnilhom tempji għall-allat tagħhom. Alla widdbu għal darba darbtejn imma Salamun webbes rasu u, saħansitra, beda jqim lil xi allat minn tan-nisa tiegħu ukoll. Kien minħabba f'hekk li Salamun qajjem il-korla t'Alla li qallu li, talli kien għamel dan, huwa kien ser jaqsamlu s-saltna. Imma, b'rispett lejn missieru, ir-Re David, huwa kien ser jagħmel dan wara l-mewt ta' Salamun u, minħabba l-istess rispett, huwa kien se jħalli tribù wieħed f'idejn ibnu li jsaltan warajh. U hekk ġara għax, wara li miet Salamun, laħaq sultan warajh ibnu Reħobogħam. Imma ma damitx ma nqalgħet rewwixta kontra tiegħu u ħallewlu biss it-tribù ta' Ġuda biex isaltan fuqu.



# Servizzi għall-Anzjani

**Ħarsa ġenerali**
Id-Direttorat għal Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità jipprovdi numru ta' servizzi. Formola ta' applikazzjoni tinkorpora s-servizzi maġġuri offruti mid-direttorat.

Dawn jinkludu:

- *Active Ageing Centres*
- *Home Help Service*
- *Respite at Home*
- *Respite*
- *Handyman Service*
- *Telecare+*
- *Telephone Rent Rebate*
- *Meals on Wheels*
- *Continence Service*
- *Domiciliary Nursing*
- *Domiciliary Caring*
- *Carer at Home Scheme*
- *Dementia Activity Centre*
- *Social Work*
- *Night Shelter*
- Dħul f'Dar tal-Anzjani
- Konsulent tal-Ġerjatrija fil-Komunità
- Servizz ta' Podjatrija
- Servizz ta' Fiżjoterapija
- Servizz ta' *Occupational Therapy*



**X'se tingħata**
Jiddependi mis-servizzi magħżula. L-applikant jirċievi konferma tas-sottomissjoni tiegħu u l-applikazzjoni tiġi pproċessata.

**Eliġibbiltà**
L-eliġġibiltà tiddependi mis-servizzi magħżula. Normalment il-persuni eliġibbli huma persuni anzjani u persuni li għandhom bżonn għajnuna domiċiljari jew isofru minn dimenzja.

**Kif tapplika**
Imla l-formola onlajn u ibgħatha.

Din għandha tiġi sottomessa flimkien ma rapport mediku u dikjarazzjoni ffirmata.

Biex takwista l-formoli tistà tidħol fuq aacc@gov.mt jew fuq il *website* www.activeaging.gov.mt
Għall aktar tagħrif tistà ċċempell ukoll fuq *Freephone* 153 jew 2278 8800

Anzjanita Attiva u Kura fil-Komunita
Active Ageing & Community Care